# Đawl Franġiskan

GĦADD 426 | JANNAR 2023 | IT-43 SENA

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

NEWSPAPER POST IISN 1811-5373



*Nagħtu bidu għas-sena l-ġdida 2023 bit-tgħanniqa tar-rikonċiljazzjoni frott il-maħfra ġejja mill-imħabba.*

# werrej


**4** Ġesti li jitkellmu
**It-tgħanniq u l-Papa Franġisku**
Fr Philip Cutajar OFMCap

**7** L-Ispirtu Franġiskan
**ta' Paolo Borsellino** (It-Tielet Parti)
Robert Aloisio

**10** Il-Franġiskani Kapuċċini
**f'Malta (1911-1920)** (It-Tielet Parti)
Winston L. Zammit BA (Hons), PGCE, MA

**14** Kull Nisrani jagħmel
**kuraġġ biex jaffronta l-ħajja**
George Zammit

**16** Il-Knisja li rxuxtat
**bid-demm tal-martri**
Fr Charles Buttigieg

**20** **It-Talb**
Fr Martin Mamo OFMCap
Direttur Nazzjonali – Gruppi Padre Pio














## Ħsieb tal-faċċata

Il-Papa Franġisku, imnebbaħ mill-imħabba ta' Alla-Missier u mill-eżempji li Ġesu Kristu ħallielna fl-Evanġelju, jagħti importanza lit-tgħanniq fil-ħajja tagħna bħala Nsara. Ġest ta' rikonċiljazzjoni. Ġest ta' maħfra. Ġest ta' ħbiberija. Fuq kollox ġest ta' mħabba. Nagħtu bidu għal din is-sena ġdida b'dan il-ġest nobbli u qaddis.





**24** L-innu Malti - Ċentinarju tal-innu Malti,
**l-innu nazzjonali Malti**
Joseph C. Camilleri
BA, DEAM, M.Ed. (Pl. & Mgt)

**26** **Aħbarijiet tal-Provinċja -**
**mid-djarju tal-Kapuċċini Maltin**
Br Miguel Zammit OFMCap
segretarju provinċjali

**31** L-Ewwel tas-Sena...
**Jum il-Paċi**
Kav. Carmel Bianchi KGO

**32** Nuru li aħna Nsara
**bil-fatti waqt il-prova**
Fr Silvestru Bonavia OFMCap

**34** Soppa tal-għazz
**ta' Ġakobb**
Fr Paul Bugeja OFMCap

**35** **Kompetizzjonijiet**
Fr Wistin Attard OFMCap


Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-*DAWL FRANĠISKAN* għandhom jiġu indirizzati lill-editur.
Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-*DAWL FRANĠISKAN* dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.

# bord editorjali


**Editur**
Fr Philip Cutajar OFMCap

**Amministratur**
Dorian Holland OFS

**Distributur Malta**
Alfred Ebejer

**Distributur Għawdex**
Pierre E. Buttigieg OFS

**Membri**
Joe Debattista GFF
Silvana Galea - A.Flame

**Direzzjoni u Amministrazzjoni**
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana - FRN1211

**Telefown:** 2123 3874

**Fr Philip Cutajar Mob:** 7933 5692

**Dorian Holland Mob:**
7722 3730 | 7756 8801

**Imejl:** dawlfrangiskan@gmail.com

**IISN 1811-5373**

**Disinn u Stampar:**
Best Print Co. Ltd
**Telefown:** 2168 0789



**© Dawl Franġiskan 2023**



**Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini**

**Ħlas tal-Abbonament:**
€10.00 fis-sena

Kull offerta barra mill-ħlas hi milqugħa bħala għajnuna għall-missjoni u għandha tintbagħat lid-Direttur:
Ċentru Missjoni Kapuċċini,
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana - FRN1211

# Ġesti li jitkellmu
# It-tgħanniq u l-Papa Franġisku



Fr Philip Cutajar OFMCap



**Kull papa għandu l-istil tiegħu. Kull papa jipprova jkun dak li hu mingħajr tqanżiħ jew sforzi ta' reċti. Kull papa għandu l-ġesti tiegħu flimkien mal-vokabolarju li juża kif jitkellem.**

Kull papa għandu l-istil tiegħu saħansitra anke fil-ġesti li juża. Wieħed mill-ġesti li jolqot mhux biss lili imma lil kull min jinnotah fil-Papa Franġisku huwa l-ġest tat-tgħanniq. Iħobb jgħannaq u ma jiddejjaqx iħallik tgħannqu. U jgħannaq wieħed wieħed, waħda waħda lil min ikun hemm quddiemu. Jiena, li għandi esperjenza ta' 12-il sena ngħix f'kultura Amerikana Latina, nista' ngħid li dan joħroġ ukoll frott din il-kultura. Kultura li aħna l-Maltin, bħala Latini, għandna xi ftit minnha. Fejn papiet oħra kienu jippreferu jieħdu b'idejn dak li jkun, rari jgħannqu lil dak li jkun, għall-Papa Franġisku t-tgħanniq tal-persuna huwa l-ġest komuni u normali tiegħu.

Ma' dan il-ġest tat-tgħanniq jaffaxxinak ukoll il-kliem li juża, kliem sempliċi li jużah kulħadd imma meta tisimgħu ħiereġ minn fomm papa jmisslek qalbek

u tħossu aktar viċin tiegħek. Tinnota r-reazzjoni tal-eluf ta' nies miġbura fil-Pjazza ta' San Pietru ġewwa l-Vatikan meta l-Papa Franġisku jgħidilhom: *"Fratelli e sorelle, buona sera!"*

## IT-TGĦANNIQ BĦALA ĠEST U VOKABOLARJU

Niftakru lill-Papa Franġisku fl-ewwel quddiesa pubblika tiegħu fil-parroċċa ta' Santa Anna fil-Vatikan, fl-omelija tiegħu jispikka l-vokabolarju meta jitkellem u jgħid: *"Il-messaġġ ta' Ġesù huwa l-ħniena. Għalija, ngħidu bl-akbar umiltà, dan huwa l-messaġġ l-aktar qawwi ta' Ġesù."* U filwaqt li jagħmel referenza għar-rakkont tas-silta tal-Evanġelju tal-adultera Bergoglio jikkonċentra fuq l-azzjonijiet ta' Ġesù: *"Huwa jinsa... Huwa għandu l-kapaċità li jinsa. Jinsa dnubietek, ibusek,* ***jgħannqek*** *u jgħidlek biss: 'Lanqas jien ma nikkundannak; mur u mil-lum 'il quddiem tidnibx iżjed."* (Ġw. 8, 11)

F'dan is-sens it-tgħanniqa ma tibqax biss mod kif issellem lil persuna oħra imma tinbidel f'balzmu li jfejjaq il-feriti. Interessanti kif għandna wkoll studji ta' livell psikopedagoġiku li jgħidulna dan, jiġifieri li tgħanniqa għandha l-qawwa li tfejjaq feriti u weġgħat u saħansitra anke mard, mhux biss fit-tfal imma anke fl-adulti.

## IT-TGHANNIQA: ESPRESSJONI TAL-IMĦABBA TA' ALLA GĦALIK

Imma t-tgħanniq li jitkellem dwaru l-Papa Franġisku, u mhux biss, imma anke jwettqu hu personalment, imur aktar lil hinn minn hekk. It-tgħanniq li jitkellem dwaru l-Papa Franġisku huwa l-espressjoni u l-kontinwazzjoni tat-tgħanniq ta' Ġesù li jfejjaq il-feriti tad-dnub u joħloq rikonċiljazzjoni ta' mħabba u ħbiberija ma' Alla. Dan l-għemil ħafna jsejħulu **'l-KRISTU-TERAPIJA'**, li Bergoglio kien jeżerċitah meta kien għadu isqof u kardinal ġewwa l-Arġentina mal-fqar, il-morda u l-emarġinati.

Bħala kardinal f'omelija li kien għamel kien stqarr li *"l-morali Kristjana għandha dejjem tkun mibnija fuq it-tweġiba tagħna għat-tgħanniqa tal-ħniena ta' Kristu". "Din hija l-ħniena sorpriża ta' Alla għalina, il-ħniena imprevedibbli, umanament mhux ġusta għaliex meta wieħed ikun jafni u jaf it-tradimenti tiegħi u jibqa' jħobbni,* ***ma jiqafx jgħannaqni*** *miegħu, ikompli jirrispettani u jixtieqli l-ġid, jerġa' jsejjaħli u jibqa' jistennieni, umanament diffiċli tifhimha u taċċettaha. Imma din hija r-rivoluzzjoni tal-morali Kristjana; mhix kwistjoni li taqa' u tidneb imma aktar li tqum u tikkonverti frott l-imħabba u* ***t-tgħanniqa ta' Alla għalik.****"*

## SINJAL TA' ĦNIENA

Mhux ta' b'xejn li l-parabbola hekk imsejħa 'tal-iben il-ħali' hija għall-Papa Franġisku l-parabbola programmatika tal-pontifikat tiegħu sa mill-bidu, sa mill-omelija li tana fil-quddiesa tal-inawgurazzjoni għall-ħidma pastorali tiegħu bħala s-suċċessur ta' San Pietru. Dakinhar qalilna: *"Lili sa minn dejjem kienet timpressjonani l-parabbola tal-Missier ħanin. Timpressjonani għaliex dejjem nisslet fija tama kbira. Naħsbu ftit dwar dak l-iben iż-żgħir li kien qed jgħix fid-dar tal-missier: kien maħbub, imma madanakollu ried il-parti tiegħu mill-wirt, telaq mid-dar u berbaq kollox, wasal f'livell tant baxx, bil-ġuħ, jirgħa l-ħnieżer. Hawnhekk iħoss nostalġija għal dar*

*missieru u jiddeċiedi li jmur lura. Il-missier bl-akbar paċenzja u mħabba, mimli tama u ħniena, qatt ma waqaf jaħseb fih, u hekk kif lemħu mill-bogħod mar jiġri jiltaqa' miegħu* ***u għannqu bl-akbar ħlewwa****, il-ħlewwa ta' Alla, mingħajr l-ebda ċanfira... Dan reġa' ġie lura, kien mejjet u qam. F'dik* ***it-tgħanniqa tal-missier*** *lil ibnu hemm il-qofol tal-ferħ kollu: reġa' ġie lura!"*

## DIN HIJA S-SEJĦA TAGĦNA – IS-SEJĦA TAL-KNISJA

Dawn ir-riflessjonijiet imnebbħa mill-ġesti, mill-kliem u mid-diskorsi tal-Papa Franġisku xtaqt naqsamhom magħkom, għeżież qarrejja tar-rivista tagħna *Dawl Franġiskan*, propju wara l-erba' editorjali li ktibt dwar il-maħfra. Huma kumplimentari. Il-maħfra tagħna lil xulxin, li ssib il-quċċata tagħha **fil-ferħ tat-tgħanniqa tagħna bejnietna**, ma' dawk li darba kienu għedewwa tagħna, ma' dawk li darba weġġgħuna.



Dawn ir-riflessjonijiet dwar il-valur u t-tifsir mistiku spiritwali tat-tgħanniqa ta' Alla mal-bniedem u tat-tgħanniqa tal-bnedmin bejniethom xtaqt naqsamhom magħkom propju fil-bidu ta' sena ġdida, meta eżattament fl-ewwel jum tas-sena niċċelebraw **JUM IL-PAĊI**. Dan hu l-awgurju tiegħi mhux biss għas-sena l-ġdida li qed nagħtu bidu għaliha imma wkoll għal ħajjitna kollha: **li ma niqfux ngħannqu lil xulxin** frott l-imħabba u l-maħfra tagħna lejn xulxin. Din hija l-missjoni tal-Knisja, din hi s-sejħa tiegħi u tiegħek, għeżież hija u oħti. Kristu twieled sabiex jgħannaq l-umanità ma' Alla l-Missier u meta miet imsallab fuq is-salib fetaħ idejh beraħ sabiex għal darb'oħra jgħannaq l-univers miegħu u b'hekk jagħmilna wlied Alla. ■



# L-Ispirtu Franġiskan **ta' Paolo Borsellino** (It-Tielet Parti)

Robert Aloisio

Ix-xorti tal-bniedem hi li minn ġewwa jibqa' tifel. Paolo kien jifraħ meta jqum fil-bogħod u jsib li l-pjanta fil-gallarija għamlet il-fjuri. Kien jifraħ bl-iktar affarijiet sempliċi. Kien tip Franġiskan u kien iqis lilu nnifsu pellegrin fuq l-art. Kellu volontà u fidi immensa... xewqa li jwettaq. Kien konxju tal-ħiliet tiegħu u ried jisfrutta bis-sħiħ it-talenti tiegħu, xi ħaġa li dejjem għamel fir-rispett sħiħ tal-bniedem. Din il-forza tar-ruħ setgħet tinqered biss bl-isplussiv u b'xejn aktar.

Agnese Borsellino



| Paolo Emanuele Borsellino

## BNIEDEM TA' FIDI

Darba Agnese ntebħet li żewġha Paolo kien qed jagħti l-flus lil xi nies fil-bżonn li sar jafhom fl-attività professjonali tiegħu. Anki somom kbar. Martu staqsietu x'kien qed jagħmel u hu weġibha minn taħt l-ilsien imma mingħajr tlaqliq: "L-importanti hu li l-familja ma tkunx nieqsa minn dak li hu indispensabbli."[1]

Din il-ġenerożità ttrażmettieha wkoll lil uliedu. Bintu Fiammetta, ta' erbatax-il sena, kienet tmur fiċ-ċentru soċjali San Saverio, f'Albegheria, biex tagħmel volontarjat mat-tfal li kien jieħu

Referenzi:

1. Borsellino, Agnese u Palazzolo, Salvo. *Ti racconterò tutte le storie che potrò.* Feltrinelli, 2013.

ħsieb Padre Cosimo Scordato u ġieli kienet tieħu xi tifel minnhom id-dar tagħhom. Missierha Paolo kien jieħu gost meta tagħmel hekk, u kien joqgħod jiċċajta u jilgħab mat-tfal. Meta ibnu Manfredi kien Malta, huwa kien mitlub jiddeskrivi lil missieru, u ddeskrivieh bħala bniedem b'saħħtu – saħħa ġejja mill-fidi:

Għalina (Paolo Borsellino) jibqa' bniedem b'saħħtu. Bniedem tal-familja. Bniedem li kellu l-valuri f'posthom u ma ried lil ħadd jilgħab ma' dawn il-valuri sal-mewt... Il-fidi żammitna qawwija u magħqudin. Minkejja l-impenji, missieri kien ta' spiss imur għand il-konfessur tiegħu. Kien iweġġa' meta jinvestiga nies Kattoliċi li suppost qed jagħtu xhieda tal-ħajja tagħhom Nisranija u fil-fatt kienu Mafjużi. Fil-mument tat-traġedja Ġesù kien magħna u baqa' magħna.[2]

Din il-ħaġa tikkonfermaha mart Paolo, Agnese, u ssemmi fatt interessanti:

L-umanità ta' Paolo kienu jirrikonoxxuha anki dawk li kien jinvestiga. Darba, quddiem id-dar, ġie politiku li żewġi kien arresta xi żmien qabel: stennieh joħroġ mid-dar u bieslu idu, għax l-Imħallef Borsellino kien sablu mill-ġdid it-triq tas-sewwa... Paolo kien ukoll student universitarju ta' dak il-politiku... Wara li ħa l-lawrja żewġi kien staqsieh jistax jiffrekwenta l-istudju tiegħu imma dan kien wieġbu, "M'hemmx post għalik." Wara l-arrest, imbagħad, bieslu idu. Għax Paolo kien bniedem tajjeb, bniedem ġust.[3]



*Triq D'Amelio - Sqallija wara l-attentat*

Darba pentito staqsieh, "Għaliex tibqa' tieħu interess fija? Għaliex tibqa' tiġi tarani, toffrili sigarett, tilgħab il-karti miegħi?" U Borsellino wieġbu: "Jien niġġieled lill-Mafja għax hija ħażen kbir għas-soċjetà, imma lejk, Mafjuż, għandi sentimenti ta' kompassjoni u ta' mħabba; għalhekk nibqa' niġi nżurek. Fil-qalb tal-bnedmin kollha, anke f'ta' dawk, bħalek, li qatlu bnedmin oħra, Alla poġġa xrara tat-tajjeb, u jien irrid li din ix-xrara terġa' taqbad, biex hekk inti terġa' ssir tassew bniedem."

L-Imħallef Caponnetto jgħid li ftit inkiteb fuq il-fervur u l-mod sħiħ kif Paolo għex il-fidi. "Din kienet aspett fundamentali tal-personalità tiegħu u tal-ħajja tiegħu: qatt ma ffanfra biha; kienu jafu biss biha l-qraba u l-ħbieb intimi tiegħu. Fidi sħiħa, mibnija fuq l-imħabba lejn il-proxxmu, l-imħabba għall-familja, serenità interjuri u, fl-aħħar żmien, vokazzjoni għas-sagrifiċċju, imħabbar u mistenni."[4]

Referenzi:

2. *L-Impenn Kristjan*, Kerygma. Malta, Jannar 1993.
3. Borsellino, Agnese u Palazzolo, Salvo. *Ti racconterò tutte le storie che potrò.* Feltrinelli, 2013.
4. Diskors fil-knisja San Domenico ta' Firenze, 19 ta' Awwissu 1992



| *Paolo Borsellino flimkien ma' martu Agnese u t-tlett uliedu Lucia, Fiammetta u Manfredi*

L-istess Caponnetto, li għalih Borsellino, flimkien ma' Falcone, kien "iben, ħija, ħabib, l-iktar parti importanti ta' ħajti, l-iktar punt sod ta' riferiment għalija," jgħid li l-ewwel ħaġa li għamel Borsellino kif sar jaf li se joqtluh kienet li jmur jitqarben.

Dejjem għex bejn attentat u ieħor fuq ħajtu. Wara l-mewt ta' Falcone kien jaf li issa hu kien fil-mira. Ftit jiem biss qabel l-attentat kontrih waslitlu l-aħbar ċerta li kien wasal l-isplussiv f'Palermo, u l-ewwel ħaġa li għamel kienet li ċempel lill-konfessur tiegħu, dak li s-soltu kien iqarbnu nhar ta' Ħadd, u qallu: "Tista' tagħmilli pjaċir u tiġi issa?" Kif daħal fil-kamra qallu, "Isma', jekk jogħġbok qararni u qarbinni." "Kif? Issa? Għaliex din l-għaġla kollha? Il-Ħadd li ġej niltaqgħu bħas-soltu." "Le," qallu, "ma nafx inwassalx sal-Ħadd. Jeħtieġ li nkun lest f'kull mument għall-pass il-kbir."[5]

Agnese Borsellino tgħid li tixtieq taf tissaporti daqskemm kien jissaporti żewġha. "Imma hu ma kienx xi superman b'qawwiet speċjali. Kull filgħodu kont narah imur il-quddiesa fil-knisja quddiem id-dar tagħna, kien jitqarben u jitlob lil Alla jilluminah fis-sitwazzjonijiet diffiċli li kien jaffronta... Iżda Paolo ma kienx bigott. Kien jgħid: 'Biex tkun Nisrani tajjeb mhux biżżejjed tmur il-knisja; il-fidi f'Alla trid tagħti xhieda tagħha kuljum'... Żewġi kien isejjaħ lilu nnifsu bħala pellegrin fuq l-art; il-pern ta' ħajtu kien umiltà kbira flimkien ma' fidi Nisranija kbira. Ħajtu kienet ispirata minn San Franġisk t'Assisi."[6] ■



| *Giovanni Falcone u Paolo Borsellino*

Referenzi:

5. Minà, Gianni. *Storie da lui stesso,* RAI Due, Mejju 1996.
6. Borsellino, Agnese u Palazzolo, Salvo. *Ti racconterò tutte le storie che potrò.* Feltrinelli, 2013.

# Il-Franġiskani Kapuċċini f'Malta (1911-1920) (It-Tielet Parti)



Mill-kitbiet li ħallielna Winston L. Zammit BA (Hons), PGCE, MA

## L-EFFETTI TAL-EWWEL GWERRA (1914-1918) FUQ IL-PROVINĊJA

**Fl-4 ta' Awwissu 1914 bdiet l-Ewwel Gwerra Dinjija, li spiċċat fil-11 ta' Novembru 1918. Malta sabet ruħha involuta f'din il-gwerra bħala parti mill-Imperu Ingliż. Malta tat il-kontribut tagħha lill-Imperu Ingliż fi tliet oqsma. L-ewwel nett bħala bażi navali importanti fil-Mediterran. It-tieni bħala sptar, billi mill-1915 inġiebu f'Malta eluf ta' feruti mit-Turkija u minn Salonika.**

F'Malta nfetħu numru kbir ta' sptarijiet, tant li bdiet tissejjaħ The Nurse of the Mediterranean. Barra minn hekk eluf ta' Maltin servew fil-Forzi Armati tal-kuruna Ingliża, fosthom numru kbir bħala baħrin fil-flotta Ingliża, fejn numru minnhom tilfu ħajjithom fil-battallja ta' Jutland (1916).

Il-gwerra pprovdiet ħafna xogħol kemm f'Malta, speċjalment fit-turiżmu, kif ukoll barra minn Malta. Iżda l-problemi ma naqsux, għolew il-prezzijiet ta' diversi affarijiet essenzjali, fosthom il-ħobż, u dan ħoloq tbatija kbira fost numru kbir ta' familji Maltin. Il-pagi ma għolewx, u dan ħoloq tbatija kbira. Il-provinċja Maltija tal-Kapuċċini, kif se naraw, offriet il-kontribut tagħha fil-qasam tal-feruti. Iżda batiet ukoll minħabba l-għoli tal-prezzijiet tal-affarijiet essenzjali.

Ftit wara li bdiet il-gwerra, f'Ottubru 1914, twaqqaf il-Fond Nazzjonali ta' Beneficenza taħt il-patroċinju tal-Gvernatur Lord Methron Gill biex jiġu megħjuna nies fil-bżonn. Għal dan il-għan sar il-ġbir fil-knejjes, fosthom il-knejjes tal-Kapuċċini tal-Marsa, tal-Kalkara u tal-Furjana, minn fejn inġabru s-somom ta' żewġ liri u ħames xelini, 11-il xelin u tmien xelini rispettivament.[1]



## OFFERTA TA' SODOD FI TLIET KUNVENTI

Billi fl-1915 kienu se jibdew jinġiebu Malta l-feruti mit-Turkija sar appell mill-Gvernatur Lord Methron, jiġifieri biex min jista' jilqa' ġewwa daru xi ferut jew feruti. Fost dawk li laqgħu l-appell tal-Gvernatur kien hemm il-provinċja Maltija tal-Franġiskani Kapuċċini, billi poġġiet għad-dispożizzjoni tal-Gvernatur tnax-il sodda, tlieta fil-kunvent tal-Furjana, tnejn fil-kunvent tal-Kalkara u sebgħa fil-kunvent tal-Marsa.[2] Ma nafux jekk fil-fatt il-Gvernatur għamilx użu minn din l-offerta, iżda l-fatt li l-provinċja Maltija, minkejja l-mezzi limitati tagħha, għamlet din l-offerta, juri l-ġenerożità tagħha ma' nies li kien ser ikollhom bżonn l-għajnuna.

## SNIN IEBSA GĦALL-PROVINĊJA: 1917-1919

Il-gwerra affettwat ħażin lil eluf ta' familji, billi l-prezzijiet tal-affarijiet tal-ikel, fosthom il-ħobż, għolew.[3] Is-sitwazzjoni tant kienet ħażina li fit-23 ta' Novembru 1916 il-kappillani kollha ta' Malta, li żgur kellhom il-polz tal-poplu f'idejhom u li kienu qegħdin jaraw it-tbatija ta' ħafna familji fil-parroċċi tagħhom, marru għand il-Gvernatur u ppreżentawlu petizzjoni. Fiha spjegawlu l-istat li fih kien jinsab il-poplu inġenerali. Talbuh għalhekk jieħu din is-sitwazzjoni inkonsiderazzjoni u jfittex mezz kif iraħħas l-affarijiet li mingħajrhom ma setax jgħaddi.[4]

Għal dan il-għan l-Arċisqof Dun Marius Caruana OSB waqqaf kumitat taħt it-tmexxija tiegħu li kellu jiġbor fondi biex jgħin lill-familji fil-bżonn.[5] Għal dan il-għan b'kollox ġabar is-somma ta' 5,000 lira, li ntużaw biex jgħinu lill-familji fl-bżonn.[6]

## IS-SOSPENSJONI TAT-TQASSIM TAL-MINESTRA

Il-Franġiskani Kapuċċini tal-Furjana kellhom id-drawwa sabiħa li ta' kuljum iqassmu platt minestra lil numru ta' nies foqra. Wara li bdiet il-gwerra baqgħu jagħmlu dan sa Frar 1917. Li dan is-servizz kien apprezzat joħroġ mill-fatt li fl-aħħar tal-1916 Michele Borg mill-Furjana kiteb lir-rappreżentant ta' Għawdex fil-Kunsill tal-Gvern u fost affarijiet oħra talbu sabiex jikseb xi sussidju mill-gvern għall-Kapuċċini tal-Furjana sabiex ikunu jistgħu jżidu l-għajnuna li kienu jagħtu kuljum permezz tal-minestra.[7]

Il-patrijiet Franġiskani Kapuċċini tal-Furjana, bħall-bqija tal-fraternitajiet l-oħra, kienu jiddependu għall-għejxien tagħhom mill-karità tan-nies u mill-elemożina tal-quddies. Iżda bl-għoli tal-ħajja n-nies ma tantx kienu f'pożizzjoni li jibqgħu jgħinu lill-Franġiskani Kapuċċini bħal qabel. Dan affettwa ħażin lill-fraternità tal-Furjana. Il-kunvent sab ruħu f'qagħda finanzjarja ħażina tant li fi Frar 1917 l-ikel tal-komunità tnaqqas sewwa.

F'dawn iċ-ċirkustanzi kritiċi ma kienx possibbli li l-fraternità tibqa' tqassam il-platt tal-minestra lil 50 persuna kuljum.



Għaldaqstant b'effett mit-tielet Ġimgħa ta' Frar il-fraternità kellha kontra qalbha twaqqaf it-tqassim kuljum tal-minestra. Dwar din id-deċiżjoni korrispondent f'gazzetta lokali kkummenta li l-patrijiet Kapuċċini ma kinux jieħdu din id-deċiżjoni li kieku ma kinux jinsabu verament f'kundizzjoni ħażina.[8] Il-qagħda finanzjarja ħażina tal-fraternità tal-Furjana ġibdet l-attenzjoni ta' xi nies li ħassew il-bżonn li jgħinu lill-patrijiet. Għaldaqstant twaqqaf kumitat biex nhar it-22 ta' April 1917, festa ta' San Publiju, issir Badge Day għall-benefiċċju totali tal-Kapuċċini tal-Furjana. Mal-avviż li deher dwar l-inizjattiva f'gazzetta lokali sar appell li kien id-dover ta' kulħadd, speċjalment tal-Furjaniżi, li jgħinu lill-aħwa Kapuċċini, billi l-Furjaniżi fil-knisja tal-istess patrijiet kienu jsibu l-kumditajiet kollha immaġinabbli għas-servizzi reliġjużi.[9]

## JINQALA' BENEFATTUR

Fis-6 ta' April 1917 benefattur li xtaq li ismu jibqa' moħbi mar ikellem lill-Provinċjal Patri Egidio Salomone, u offra somma flus ta' kull xahar sabiex tkompli titqassam il-minestra mill-fraternità tal-Furjana. Il-Provinċjal informa lis-Sindku Appostoliku tal-kunvent il-Perit Manwel Borg b'din l-għotja ġeneruża. Dan min-naħa tiegħu ġab avviż f'gazzetta lokali bid-data tas-7 ta' April li kien jgħid li t-tqassim tal-minestra kien se jerġa' jibda jsir mill-ġimgħa ta' wara.[10]

## AKTAR GĦAJNUNA

B'din l-għotja l-Kapuċċini setgħu jkomplu jqassmu l-minestra, iżda l-qagħda finanzjarja tal-kunvent baqgħet ħażina u għaldaqstant grupp ta' nies, li kienu l-Prokuratur Legali Ugo Muscat Azzopardi, il-Perit Giovann Sacco, il-Prokuratur Legali Albert Mizzi, Vincenzo Ciantar, Filippu Portelli, Oscar Muscat Azzopardi, Antonio Amato, Mikiel Bartolo, Ġużeppi Mizzi u Ġużeppi Muscat, ħadu ħsieb jorganizzaw logħba futbol fil-Mile End Sporting Ground il-Ħamrun għall-benefiċċju tal-kunventi Franġiskani Kapuċċini li kienu jinsabu f'qagħda tassew ħażina. Il-familjari li kellhom jieħdu sehem kienu magħmula minn plejers tal-futbol lokali. Skont avviż li deher f'gazzetta lokali din il-logħba kellha ssir taħt il-patroċinju tal-Onoverali E. Bonavia CMJ u kellha ddoqq il-Banda tar-Reġiment Malti K.O.M.R.[11]

Il-partita saret taħt il-patroċinju tal-Onorevoli Bonavia u ħalliet qligħ ta' 62 lira u 9 soldi għall-benefiċċju tal-fraternità tal-Furjana.[12] M'hemmx dubju li din is-somma kienet ta' għajnuna għall-patrijiet Kapuċċini. Għajnuna oħra lill-Kapuċċini waslet fit-23 ta' Lulju 1917 ġewwa t-Teatru Rjal fil-Belt Valletta mit-Tenur Salvatore Salvati, li mill-profitt li baqa' minn dan il-kunċert irregala s-somma ta' 15-il lira lill-fraternità tal-Furjana.[13]

Il-patrijiet Kapuċċini, minħabba ċ-ċirkustanzi xejn sbieħ li kienu jinsabu fihom, komplew iqassmu l-minestra lil 110 persuni, fqar jew ġejjin minn familji fqar. Iżda l-qagħda finanzjarja tal-kunvent baqgħet ħażina. Skont ittra li dehret f'gazzetta lokali tat-23 ta' Mejju 1918 il-patrijiet kienu



qegħdin jgħixu f'kundizzjonijiet deskritti bħala "eccenzionalmente precoria" u li l-kunvent kien kuljum qed jitgħabba bid-dejn, naturalment biex jitma' lill-patrijiet. Għaldaqstant fl-istess ittra sar appell għall-għajnuna u biex xi ħadd jieħu l-inizjattiva biex jinġiebu fondi għal din il-komunità li għall-għejxien tagħha kienet tiddependi minn dak li jagħtuha n-nies b'karità.[14]

Dan l-appell jidher li kellu effett. F'gazzetta lokali tas-7 ta' Ġunju 1918 deher avviż li fuq inizjattiva tas-Sinjuri Pavani, is-Sur Salvatore Salvati u oħrajn kienet se tiġi organizzata serata kbira fit-Teatru Rjal fil-Belt Valletta f'nofs ix-xahar ta' Ġunju għall-benefiċċju tal-Kapuċċini tal-Furjana.[15] Ma nafux iżda jekk dan il-kunċert fil-fatt sarx. Fl-istess xahar fl-istess gazzetta deher avviż ieħor li nhar il-Ħadd 23 ta' Ġunju l-Mile End Sporting Ground kien konċess mill-proprjetarju u kienet se ssir partita futbol bejn Valletta United FC u Ħamrun Spartans FC għall-benefiċċju tal-fraternità tal-Furjana, "li kif kulħadd jaf kienu qegħdin jgħixu f'ċirkustanzi diffiċli. L-organizzatturi ta' din il-partita kienu s-Sinjuri P. Abela, A. Amato, V. Ciantar, A. Darmanin, G. Mizzi, il-Prokuratur Legali Ugo Muscat Azzopardi, O. Muscat Azzopardi, E. Rossi, J. Saliba u P. Saliba. Il-partita fil-fatt saret bil-parteċipazzjoni tat-tims Valletta United u Ħamrun Spartans."[16]

## JERĠA' JIĠI SOSPIŻ IT-TQASSIM TAL-MINESTRA (1919)

Iżda l-kriżi tal-fraternità tal-Furjana kompliet tikber anke wara li spiċċat il-gwerra f'Novembru 1918, billi l-qagħda ekonomika ta' gżiritna ma tjibitx. Fil-fatt permezz ta' ittra oħra bid-data tat-22 ta' Jannar 1919, li dehret f'gazzetta lokali, is-Sindku Appostoliku tal-kunvent tal-Furjana l-Perit Manwel Borg informa lill-pubbliku li kien se jerġa' jiġi sospiż it-tqassim tal-minestra mill-kunvent.[17] Wara dan l-avviż reġgħu ttieħdu xi inizjattivi biex jgħinu lill-fraternità tal-Furjana. Is-Soċjetà filadrammatika Les Amateursi ddeċidiet li tagħti numru ta' reċti ta' proża Taljana fit-Teatru Manoel għall-benefiċċju tal-karità lokali. L-ewwel rappreżentazzjoni, ir-*Remantecismo* ta' Rovetti, kellha ssir għall-benefiċċju tal-Kapuċċini tal-Furjana.[18]

Iżda barra minn hekk nhar is-Sibt, 4 ta' April 1919 ġewwa l-Mile End Sporting Ground fil-Ħamrun saru numru ta' attivitajiet sportivi għall-benefiċċju tal-Kapuċċini tal-Furjana bis-sehem taż-żewġ baned tal-Belt Valletta, La Valette u King's Own. Saret it-tug of war, li ntrebħet mill-Artillerija Maltija. Saret ukoll logħba tal-futbol li ntrebħet mit-tim tal-Belt Valletta bl-iskor ta' 5-0. Dawn l-attivitajiet ħallew profitt ta' 170 lira, li ngħataw lill-fraternità tal-Furjana.[19]

Billi fis-snin ta' wara ma sarux attivitajiet simili biex jiġu megħjuna l-Kapuċċini tal-Furjana, din hija indikazzjoni li l-qagħda finanzjarja tal-kunvent tal-Furjana tjiebet, kif tjiebet ukoll il-qagħda ekonomika ta' pajjiżna.

1. *Malta*, 22-10-1914, 28-10-1911
2. *D(aily) M(alta) C(hronicle)*, 19.04.1915, p. 7
3. Laferla A. V., *British Malta* Vol. II, p. 209
4. *Malta Tagħna*, 25-11-1916
5. Ibid. 9-12-1916
6. *Malta Tagħna*, 13-01-1917; D.M.C. 3-11-1919
7. *Malta Tagħna*, 26-11-1917, p. 2
8. Ibid. 22-11-1917, p. 2
9. *Malta*, 22-03-1917, p. 2
10. *Malta Tagħna*, 14-04-1917
11. *Malta*, 2-06-1917, 6-06-1917
12. Ibid. 9-06-1917
13. Ibid. 1-08-1917
14. Ibid. 23-05-1918, p. 2
15. Ibid. 7-06-1918, p. 2
16. Ibid. 21-06-1918, 27-06-1918, p. 2
17. Ibid. 24-01-1919, p. 2
18. Ibid. 3-02-1919
19. *Malta Tagħna*, 12-04-1919

George Zammit



# Kull Nisrani jagħmel **kuraġġ biex jaffronta l-ħajja**

**Kemm inħossni fil-verità impressjonat bl-enerġija ta' Patri Dijonisju f'età hekk kbira, u li kien kapaċi jibdel post li kien jintuża mill-qawwiet tal-ajru fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija għal santwarju fejn dawk li fil vjaġġ tagħhom kienu bil-ġuħ u bil-għatx sabu x'jixorbu u x'jieklu f'post jew ċentru ta' ħidma missjunarja. Fundatur tal-Laboratorju tal-Paċi, fejn iseħħu l-valuri Nsara, mirakli moħbija fi ħdan familji barranin, armata ta' foqra, vittmi ta' gwerer u deżerti sħaħ ta' tbatija.**

Jien, li naf ħafna personalment lil dan il-patri, nista' niddeskrivih bħala xħud tal-karità u mudell ta' qdusija għad-dinja tal-volontarjat. Snin ilu konna Lourdes flimkien u kien jgħallimni ħafna tagħlim b'sempliċità kbira, u ma ninsa qatt meta kien qalli: "George, m'hemmx għalfejn tmur l-Indja jew l-Afrika biex tagħmel il-missjoni; tista' tagħmilha l-ħin kollu fejn tkun ħajtek fl-ambjenti tiegħek ta' kuljum." Kliem ta' patri għaref biex jagħtini lezzjoni fuq xi tfisser li tkun Nisrani, li tibda tapprezza l-affarijiet sempliċi fil-ħajja, li tilbes il-fardal biex tesperjenza esperjenza ġenwina mal-proxxmu kollu. Eżempju ċar ta' kif Dijonisju għex il ħajja tal Vanġelu bl eżempji u bil-fatti Nsara mingħajr biża' u daqq ta' trombi.

"Kulma tagħmlu mal-iżgħar minn dawn ħuti tkunu għamiltuh miegħi."

Illum fil-ħajja li qegħdin ngħixu saret ħaġa komuni li bniedem Nisrani kemm-il darba jiġi redikolat u mwarrab mis-soċjetà sempliċiment għax fil-fqar ikun qed jara l-wiċċ ta' Kristu. Issa li qegħdin noqorbu lejn ix-xitwa jeħtieġ li nieqfu ftit minn din is-soċjetà stressanti tal-ħajja u nfittxu 'l Alla fil-mistrieħ f'postijiet u spazji ta' skiet.



Il-Mulej jibagħtilna dixxipli twajba fuq l-istess mudell tal-ħajja tiegħu, bħal Patri Dijonisju, biex nippruvaw ngħixu ta' veri Nsara. Din iġġib tbatija kbira għax ħafna drabi n-Nisrani llum qed jitqies bħala l-akbar skumditā fost l-istess membri tal-familja u anke fost sħabu fuq il-postijiet tax-xogħol. Inkunu boloh jekk aħna nippretendu li l-proposta tagħna li nimxu wara Ġesù ser tlaqqagħna dejjem maċ-ċapċip. M'għandniex għalfejn niddejqu jekk nidħlu f'sitwazzjonijiet iebsa għax nippruvaw ngħixu ma' Ġesù u jittrattawna biss bħala minoranza ta' msieken, boloh, fidili u bnedmin antikwati.

Dan huwa prezz qares li jista' jfixkilna, imma tibżgħux, agħmlu kuraġġ u komplu kunu xhieda veri ta' dak li temmnu fih. Fil-verità quddiem din is-sitwazzjoni kull Nisrani jbati, għax jiġi mitfugħ fil-ġenb għax kliemu ma jkunx jaqbel għal widnejhom. Għalkemm dan huwa kollu xenarju ta' tbatija, ta' biki u ta' dmugħ li ngħaddu minnu, però għal dawk li jridu jimxu wara Ġesù din is-sofferenza tissarraf f'mixja lejn l-eternità u l-ħajja ta' dejjem. Din hija r-raġuni li l-Mulej li aħna naduraw miet għalina u wara li rxoxta għandu qalb minfuda li tgħallimna naħsbu dejjem f'ħaddieħor, b'mod speċjali fil-fqar fl-ispirtu.

Ikun ma' min ikun, sew ma' sħabu fit-triq sew ma' min jilqgħu f'daru u l-familja tiegħu, sew fost il-ħbieb u l-kbarat, kull Nisrani jrid ikollu kliem ta' ġid b'eżempji tajba li bihom irattab il-qlub tal-midinbin li jisimgħuh u jiġbidhom lura għall-imħabba ta' Kristu.

"Fit-tmaqdir tad-dinja kull Nisrani bil-kliem u l-għemil irid juri ruħu dixxiplu veru ta' Kristu."

Noqogħdu attenti għax sfortunatament ħafna valuri Nsara saru meqjusa bħala wirt storiku fil-vetrina biss u tpoġġew darba għal dejjem fuq xkaffa sakemm imutu mewta naturali. Ma nippruvawx nimxu ma' żewġ sidien, m'Alla u mad-dinja fl-istess ħin. Qegħdin fi żball kbir jekk bħala Nsara nippruvaw nimxu f'żewġ toroq f'daqqa waħda, għax għażla waħda hemm: jew m'Alla jew mingħajr Alla. Id-dinja mingħajr l-ebda ħsieb jew b'intenzjoni ħażina qed tirriskja. Irjus kbar qegħdin iħallu l-kmandamenti t'Alla fil-ġenb, 'l Alla warrbuh minn fuq l-imwejjed tad-deċiżjonijiet u minflok iħaddnu għodod moderni b'liġijiet bla kuxjenza. Pajjiżi Ewropej li kienu xempji tar-reliġjon Nisranija qegħdin iħallu d-dar t'Alla vojta, jippjanaw futur li fih pajjiżhom ikun sar sempliċiment nazzjon li għal finijiet storiċi darba kien jissejjaħ "art ta' vokazzjonijiet għas-saċerdoti, reliġjużi u lajċi biex jaqdu lill-poplu t'Alla bil-ferħ".

Għalhekk moħħna hemm, attenti l-ħin kollu: illum u mhux għada rridu nwarrbu dak kollu li xi darba jispiċċa, dak li jgħaddi malajr u li rridu nħalluh warajna. Hemm ħafna xogħol xi jsir fl-għalqa tal-Mulej. Taqtgħu qalbkom qatt ixxandru l-Kelma t'Alla għax il-premju u t-teżor huma kbar u jibqgħu għal dejjem. ■



# Il-Knisja li rxuxtat bid-demm tal-martri



Fr Charles Buttigieg



## Il-Martri tal-Albanija

**Eżattament xahrejn wara li ssir il-kanonizzazzjoni ta' Madre Teresa ta' Kalkutta, li l-ġenituri tagħha kienu Albaniżi mill-Kosovo, nhar il-5 ta' Novembru 2016 saret il-beatifikazzjoni ta' 38 martri tal-Albanija (storikament magħrufa bħala 'arberi'). Fil-fatt nhar is-26 t'April tal-2016 il-Papa Franġisku rrikonoxxa l-att erojku tal-martirju ta' dawn it-38 martri tal-Albanija. Fost dawn il-martri nsibu isqfijiet, saċerdoti, patrijiet, seminaristi u lajċi. Il-proċess tal-beatifikazzjoni tagħhom kien beda fl-2002.**

### SAN PAWL FL-ALBANIJA

Tajjeb ngħidu li r-reġjun ta' dan il-pajjiż kien laqa' l-Kristjaneżmu fi żmien San Pawl fit-tielet vjaġġ missjunarju tiegħu bejn is-snin 53 u 58 WK, li beda minn Antijokja fis-Sirja u għadda mill-Galazja, il-Friġja, il-Greċja u l-'Illyricum', li hija l-Albanija, kif insibu fl-Ittra lir-Rumani 15:19. L-Albanija kienet tagħmel parti mill-Epirus Nova u l-Illirja tal-Imperu Ruman. Mhux hekk biss, imma tappa importanti tat-Triq Egnatia kienet taqsam il-Maċedonja għal 'Dyrrachium' (Durazzo tal-lum, fejn hemm il-port importanti tal-Albanija), u din kienet tgħaqqad lil Ruma mal Lvant, triq importanti li kienet irrestawrata darbtejn fi żmien Trajanu fis-sena 107 u 112 WK. Skont il-biblista Schnabel, San Pawl ippriedka fl-Albanija kemm ġewwa Durazzo u kemm ġewwa Scutari (jew Shkodra).

Insara oħra tal-bidu fl-Albanija kienu ġewwa Apollonja u Butrint.

## PAJJIŻ MAĦKUM MILL-KOMUNIŻMU ATEU

Mal-persekuzzjonijiet matul l-istorja tal-Knisja, is-seklu l-ieħor il-pajjiż tal-Albanija kellu jgħaddi minn martirju tassew aħrax u sistematiku, taħt l-ateiżmu ta' Enver Hoxha, li mexxa l-pajjiż mill-1944 sa mewtu fl-1985, u li sal-1991, meta ntrebaħ il-Komuniżmu, il-Knisja fl-Albanija kienet għadha meqjusa 'Albaniensis missio dispersa'. Hawnhekk insemmu l-esperjenza tat-tortura tal-Kardinal Antonio Luli SJ, li għal diversi snin kien meqjus bħala maqtul fil-priġunerija Albaniża. Huwa kien ordnat saċerdot fl-1942 u kien viċi rettur, rettur u kappillan ġewwa Scutari. Safa arrestat fid-19 ta' Diċembru 1947 u dam sal-15 t'April tal-1989, u f'dan iż-żmien sofra torturi mill-iktar ħorox, xogħol sfurzat, nuqqas ta' iġjene u ta' ikel u xorb u kien jorqod f'kamra kiesħa u żgħira, tant li tnejn min-nies ma setgħux jimteddu u jorqdu fiha fl-istess ħin, imma wieħed kien jistrieħ u l-ieħor kellu jibqa' mqajjem imbagħad jorqod xħin ikun straħ l-ieħor. Il-quddiesa kien iqaddisha bil-moħbi mill-offertorju sat-tqarbin, biex ma jdumx ħafna.

Huwa miet fl-1998, u qabel il-Papa San Ġwanni Pawlu II, f'ċerimonja kommoventi, kien għamlu kardinal. Fid-19 ta' Marzu tal-1967, wara li l-Albanija ġiet iddikjarata uffiċjalment fil-kostituzzjoni tagħha bħala stat ateu, il-knejjes u l-monasteri kollha flimkien mal-moskej u postijiet reliġjużi oħra, b'kollox 2,169, ingħalqu jew inqerdu jew inbidlu f'teatri, ċinemas, imħażen, fabbriki jew kumplessi sportivi. Mhux hekk biss, ismijiet ta' persuni u postijiet marbuta mar-reliġjon kellhom jinbidlu.

## IL-PAĠNA TAL-ISTORJA TINQALEB

Fl-4 ta' Novembru tal-1990 kienet reġgħet tqaddset għall-ewwel darba quddiesa fil-pubbliku fiċ-ċimiterju ta' Scutari minn Don Simone Jubani. Illum fl-Albanija hemm żewġ djoċesijiet, dik ta' Shkodre-Pult, li tinkorpora magħha lil Lezhe u Sape, u dik ta' Tirana-Durres, li tinkorpora lil Rreshen u l-Albanija t'isfel. Illum il-popolazzjoni tal-Albanija tgħodd maż-2,870,000 ruħ.

Għalhekk nhar il-5 ta' Novembru 2016 kienet ġurnata tassew storika għall-Knisja Albaniża, meta rat 38 martri tagħha bħala beati. Ma' dawn il-Knisja żgur li ma tridx tinsa l-eluf oħra ta' Nsara oħra u Musulmani li nqatlu taħt l-ateiżmu sistematiku tad-dittatur Albaniż. Il-martri li saru beati kienu dawn:

• Is-saċerdot u poeta Albaniż Lazer



Shantoja, li nqatel fil-5 ta' Marzu 1945 ġewwa Tirana fl-età ta' 52 sena, li qabel ma qatluh bħala tortura kienu kisrulu jdejh u saqajh it-tnejn.

• Fil-25 ta' Marzu 1945 inqatel is-saċerdot Albaniż u kittieb Ndre Zadeja ġewwa Scutari fl-età ta' 53 sena.

• Fl-4 ta' Marzu 1946 inqatlu ġewwa Scutari permezz tal fuċillazzjoni t Taljan Ġiżwita u rettur tas-Seminarju ta' Scutari Giovanni Fausti fl-età ta' 46 sena, il-Franġiskan Albaniż Kole Shllaku fl-età ta' 39 sena, il-Ġiżwita Albaniż u rettur tal-Kulleġġ tal-Ġiżwiti fi Scutari Daniel Dajani fl-età ta' 40 sena, l-Albaniż lajk Qerim Sadiku, is-seminarista Albaniż Mark Cuni fl-età ta' 26 sena u l-Albaniż Gjelosh Lulashi fl-età ta' 20 sena.

• F'Settembru tal-1946 ġewwa Tirana nqatel l-Albaniż Fran Mirakaj, raġel miżżewweġ ta' 29 sena.

• Fit-18 ta' Lulju 1946 ġewwa Scutari nqatel is-saċerdot Pollakk Alfons Tracki fl-età ta' 49 sena.

• Fil-31 ta' Diċembru 1946 ġewwa Durazzo nqatel is-saċerdot Albaniż Anton Zogaj fl-età ta' 38 sena.

• Fl-24 ta' Jannar 1947 ġewwa Scutari nqatel is-saċerdot Albaniż Luigj Prendushi fl-età ta' 51 sena.

• Fl-1947 inqatel is-saċerdot Albaniż Mark Gjani fl-età ta' 33 sena ġewwa Mirdite.

• Fit-28 ta' Marzu 1947 ġewwa Permet inqatel is-saċerdot Albaniż Dede Macaj fl-età ta' 27 sena.

• Fil-11 ta' Mejju tal-1947 ġewwa Lezhe nqatel il-Franġiskan mis-Serbja Gjon Koda fl-età ta' 51 sena.

• Fil-31 ta' Ottubru 1947 ġewwa Scutari nqatel il-Ġiżwita mill-Kosovo Gjon Pantalia fl-età ta' 60 sena.

• Fit-2 ta' Diċembru 1947 ġewwa Scutari nqatel il-Franġiskan u poeta Albaniż Zef Palaj fl-età ta' 53 sena.

• Fil-11 ta' Marzu 1948 inqatlu ġewwa Scutari l-isqof Albaniż ta' Shen Llezhri-Oroshit (illum id-djoċesi ta' Rreshen) Mons. Frano Gjini fl-età ta' 62 sena, il-Franġiskan Albaniż Pal Prennushi fl-età ta' 66 sena u l-Franġiskan Albaniż Dede Nikaj fl-età ta' 47 sena.

• Fit 30 ta' April 1948 ġewwa Scutari nqatel is-saċerdot Albaniż Dede Plani fl-età ta' 57 sena.

• Fit-12 ta' Mejju 1948 inqatel ġewwa Scutari s-saċerdot Albaniż Ejell Deda fl-età ta' 31 sena.

• Fir-rebbiegħa tal-1948 ukoll inqatel is-saċerdot mill-Kosovo Anton Muzaj ġewwa Scutari fl-età ta' 26 sena.

• Fid-29 ta' Lulju 1948 ġewwa Scutari nqatlu s-saċerdoti Albaniżi Pjeter Cuni fl-età ta' 34 sena u Lek Sirdani fl-età ta' 57 sena.

• Fis-26 ta' Ottubru 1948 ġewwa Korce nqatel is-saċerdot Albaniż Josif Mihali fl-età ta' 36 sena.

• Fl-20 ta' Marzu 1949 ġewwa Durazzo nqatel l-Arċisqof Franġiskan Albaniż ta' Durazzo Nikolle Prennushi fl-età ta' 63 sena.



- Fis-16 ta' April ġewwa Scutari nqatel il-Franġiskan Albaniż Mikel Suma fl-età ta' 53 sena.
- Fis-16 ta' Novembru tal-1946 ġewwa Tirana nqatel is-saċerdot Ġermaniż Josef Marxsen fl-età ta' 40 sena.
- Fit-12 ta' Frar tal-1949 ġewwa Scutari nqatel is-saċerdot Albaniż Jak Bushati fl-età ta' 58 sena.
- Fl-24 ta' Ottubru 1949 ġewwa Scutari nqatlet l-Albaniża Maria Tuci fl-età ta' 22 sena.
- Fil-5 ta' Novembru 1951 ġewwa Scutari nqatel is-saċerdot Albaniż Jul Bonati fl-età ta' 77 sena.
- Fl-4 ta' April 1954 inqatel il-Franġiskan Albaniż Ndue Serreqi fl-età ta' 43 sena.
- Fit-22 ta' April 1958 ġewwa Scutari nqatel is-saċerdot Albaniż Ndoc Suma fl-età ta' 70 sena.
- Fit-12 ta' Mejju 1959 ġewwa Scutari nqatel is-saċerdot Albaniż Dede Malaj fl-età ta' 41 sena.
- F'April tal-1969 ġewwa Scutari nqatel is-saċerdot Albaniż Marin Shkurti fl-età ta' 35 sena.
- Fi Frar tal-1972 ġewwa Kruje nqatel is-saċerdot mill-Kosovo Shtjefen Kurti fl-età ta' 72 sena, wara li kien għammed bil-moħbi tarbija li l-ġenituri tagħha xtaqu li titgħammed.
- Fl-10 ta' Frar 1974 ġewwa Scutari nqatel is-saċerdot Albaniż Mikel Beltoja fl-età ta' 38 sena.

Jien kelli x-xorti li nżur dan il-pajjiż ferm sabiħ fl-Ewropa fl-1994, fejn kont għamilt esperjenzi ta' volontarjat mas-Sorijiet ta' Madre Teresa ġewwa Korce, fejn kien hemm diġà l-preżenza tal-Maltin permezz tas-Soċjetà tal-Mużew, u ġewwa Elbasan. Esperjenza memorabbli kienet meta darba l-Ħadd mort inqarben f'villaġġ barra Elbasan. Iċ-ċentru tal-villaġġ kien sala kbira taċ-ċinema li b'kurċifiss imdendel bdiet isservi bħala knisja. Fejn qabel fi żmien Hoxha l-knejjes bdew isiru ċinemas, issa wara l-waqgħa tal-Komuniżmu ċ-ċinemas bdew isiru knejjes!

Illum l-erba' reliġjonijiet prinċipali fil-pajjiż huma s-Sunni Musulmani, li jgħoddu mas-57 fil-mija tal-popolazzjoni tal-pajjiż; l-Ortodossi, li jammontaw għal 24 fil-mija, li jinsabu l-iktar fin-naħa t'isfel tal-Albanija; ix-Xiti Bektashi Musulmani, li jammontaw għal 3 fil-mija; u l-Kattoliċi, li jammontaw għal 10 fil-mija tal-popolazzjoni u li jinsabu l-iktar fin-naħa ta' fuq tal-pajjiż; waqt li mas-6 fil-mija ma jappartjenu għall-ebda reliġjon. Fl-evanġelizzazzjoni f'dan il-pajjiż kien hemm u għad hemm l-għajnuna tal-missjunarji Maltin. Illum wieħed isib 694 knisja Kattolika, 425 knisja Ortodossa u 638 moskea. Minkejja li l-knisja kienet tidher li ġiet meqruda, l-għeruq tagħha baqgħu ħajjin u ġew imsoqqija bid-demm tal-martri sabiex terġa' tikber.

## BIBLIJOGRAFIJA

Belgiorno de Stefano, M. G. "La coesistenza delle religioni in Albania. Le religioni in Albania prima e dopo la caduta del comunismo" fi *Stato, Chiese e pluralismo confessionale* 6. 2014: 1-24.

Melady, T. P. "Albania: a nation of unique inter-religious tolerance and steadfast aspiration for EU integration" f'*Academicus International Scientific Journal* 7. 2013; 12-17.

Morozzo della Rocca, R. *Albania. Le radici della crisi.* Milano, 1997. ■

# It-Talb



Fr Martin Mamo OFMCap
Direttur Nazzjonali - Gruppi Padre Pio

**Bħala direttur nazzjonali tal-gruppi ta' talb ta' Patri Piju ta' Pietrelcina qed nikteb dan it-tagħrif, b'mod speċjali lill-membri tal-gruppi ta' talb, bħala wlied spiritwali tal-Qaddis mill-Gargano, biex iħossu aktar f'qalbhom l-imħabba lejn Patri Piju, kif kienu jħossu l-ulied spiritwali u l-patrijiet Kapuċċini li għexu fi żmienu.**




Kif Sidna Ġesù Kristu huwa ħaġa waħda mal-Missier Etern, bl-istess mod huwa jrid ikun ħaġa waħda magħna u aħna miegħu, kif il-Ħergħa hija ħaġa waħda mad-dielja. Dan iseħħ l-aktar permezz tat-talb. It-talb huwa rigal u strument tal-laqgħa tagħna m'Alla. Kull meta nitolbu Alla jxerred fuqna kull tbissima u kull barka.

"Jiena d-dielja vera u Missieri l-bidwi. Kull fergħa li ma tagħmilx frott jaqtagħha..." (Ġw. 15, 1-11) "Kif int fija u jiena fik, ħa jkunu huma wkoll ħaġa waħda fina, biex hekk id-dinja temmen li inti bgħattni." (Ġw. 17, 21)

Fl-Evanġelju aħna nsibu diversi esperjenzi li għadda minnhom Ġesù, esperjenzi li juru l-għaqda waħdanija tiegħu mal-Missier, mill-magħmudija sat-tentazzjonijiet fid-deżert, mill-mirakli li wettaq sal-passjoni tremenda li għadda minnha, imma kien permezz tat-talb, l-aktar li Ġesù daħal f'relazzjoni intima mal-Missier Etern. F'kull avveniment li għadda minnu Ġesù, kemm meta wettaq xi miraklu kif ukoll meta pprietka, jew meta għażel lit-tnax, dejjem għamel dan f'atmosfera ta' talb. Ġesù huwa ħaġa waħda mal-Missier Etern, u din l-għaqda kompliet issostni ruħha permezz tal-ubbidjenza li huwa dejjem ta lil Missieru bħala Ibnu. Din l-ubbidjenza hija l-imħabba nnifisha li għaqqditu mal-Missier Etern. Fit-tixbiha tad-dielja vera l-Mulej Ġesù jistedinna biex nibqgħu magħqudin miegħu bħalma huwa ħaġa waħda ma' Missieru.

Din l-għaqda fina sseħħ jekk inkunu kostanti fit-talb. Fit-talb niskopru l-unjoni li teżisti fit-Trinità Qaddisa. Din l-unjoni tittrasforma l-ħajja kollha tagħna. Meta nitolbu l-Missier Alla jgħaddilna din l-imħabba permezz ta' Ibnu Ġesù fl-Ispirtu s-Santu, u b'hekk inkunu nistgħu nagħmlu l-frott, kif fergħa tagħmel il-frott jekk tkun magħquda mad-dielja.

Meta nkunu nies ta' talb u niġu biex nitolbu għal xi ħadd (talb ta' interċessjoni), il-Mulej ma jaraniex bħala barranin u għorba, li sempliċiment qegħdin nittallbu l-karità mingħandu, imma għax aħna tant sirna viċin t'Alla bit-talb, u allura sirna tiegħu, dħalna f'relazzjoni miegħu, u t-talba tagħna ta' interċessjoni tkun aktar magħġuba quddiem Alla. It-talb jgħaqqadna m'Alla kif id-dielja hija magħquda mal-friegħi tagħha, u allura nkunu nistgħu aktar nesperjenzaw il-ferħ tal-Evanġelju.

*Se nikkwota silta mill-ittra li Patri Piju kien kiteb lil waħda mill-ulied spiritwali tiegħu, li kien jisimha Annita Rodote. Din il-mara kienet mara umli li ma kellhiex dawk il-ħsibijiet li jtellfuha mill-imħabba tagħha lejn Alla, kif ikollna ħafna drabi aħna. Hija dejjem fittxet ħajja sempliċi ta' qdusija.*

*Patri Piju kellu ħafna wlied spiritwali li magħhom kien jikkomunika kemm bl-ittri u kemm meta jmorru jżuruh. Fosthom insemmi lil Rodote Annita, Serritelli Angela, Fiorentino Lucia, Di Tomaso Assunta, Gargani Maria, Pyle Maria, Cerase Raffaelina, Morgera Giuseppina, Campanile Nina, Russo Rachelina, Tresca Margherita...*

"Jiena nirringrazzja lil Alla l-Missier permezz ta' Ibnu Ġesù għall-grazzji kollha li huwa xerred u għadu jxerred fuqkom minkejja d-dgħufijiet tagħkom. Kemm huwa ħanin Alla magħna, imma huwa aktar ħanin ma' min għandu x-xewqa li jogħġob lilu."

Inti wkoll trid titgħallem kif tagħraf u tivvalorizza kull rieda t'Alla għalik. Trid tirrepeti ħafna drabi l-kliem tal-Imgħallem:

*"Fiat voluntas tuas, sicut in coeli et in terra"* ("Ikun li trid int kif fis-sema hekkda fl-art.") Dan il-kliem sabiħ għandu jkun fuq fommok u f'qalbek matul ħajtek kollha.

Għid dan il-kliem f'mumenti ta' dwejjaq, ta' tentazzjoni u ta' provi li inti tgħaddi minnhom. Għid dan il-kliem ukoll meta tħoss l-imħabba lejn Ġesù tbaqbaq f'qalbek. Din tkun ankra għas-salvazzjoni tiegħek. Tibżax mill-għadu; dan ma jista' jagħmel xejn lill-vapur ċkejken tiegħek għax Ġesù huwa dak li jieħu f'idejh it-tmun tal-vapur ta' ħajtek, u Marija hija l-kewkba li turik it-triq li twasslek għand Binha Ġesù.

## IT-TALB HUWA RELAZZJONI

Patri Piju kien jiddjaloga m'Alla fit-talb, għax għalih Alla kien kollox, kien l-aqwa ġid. Kulma kien jgħid u jagħmel kien qabelxejn jiddiskutih m'Alla. It-talb ta' Patri Piju oriġina mill-fidi tiegħu f'Ġesù, li kien dejjem preżenti f'ħajtu. L-għażliet ta' ħajtu wassluh biex ipoġġi lil Alla fl-ogħla post tal-għażliet u l-imġibiet tiegħu.

Kull persuna tpoġġi quddiem Alla l-istorja u l-bżgħat ta' ħajjitha. Hekk għamlu wkoll tant personaġġi bibliċi bħal Abraham, meta tħawwad fuq l-ordni li tah Alla, u Mosè fuq is-Sinaj meta neża' s-sandli, għax dik art qaddisa, u Samwel meta għajjat li l-qaddej qiegħed jisma', u Ġeremija meta ħassu li ġie abbandunat minn Alla.

Huwa propju minn din ir-relazzjoni m'Alla, mogħnija bit-tama, bil-ħbiberija u bl-ubbidjenza lejh, li tibda tispikka l-iskola ta' spiritwalità ta' Patri Piju. It-talb mhuwa xejn ħlief l-ogħla espressjoni ta' relazzjoni m'Alla. Mill-ħin li niltaqgħu u nesperjenzaw din ir-relazzjoni intensa magħmula mill-imħabba lejn Alla fit-talb, hemmhekk nistgħu ngħidu li nkunu f'relazzjoni intima m'Alla. F'dan il-livell wasal Patri Piju fit-talb. Dan kollu nistgħu nagħrfuh mill-ittra li Patri Piju kiteb lil Annita.

F'korrispondenza bejn Patri Piju u Raffaelina Cerase, Patri Piju jirreferi għal Annita bħala l-ħajjata. (Raffaelina Cerase (bint spiritwali oħra), twieldet Foggia, bint familja sinjura, fl-1 ta' Novembru 1868. Membru tat-Terzjarji u tal-Azzjoni Kattolika, din is-Sinjura bdiet tikkorrispondi ma' Patri Piju fl-1914 permezz ta' Patri Agostino. Annita kienet orfni u għand il-familja Cerase tgħallmet tħit u anki ġiet edukata fil-fidi Nisranija minn ċerta waħda jisimha Francesca.)

Il-korrispondenza ma' Annita kienet tiswa ħafna. Fil-kitba tiegħu Patri Piju wera l-fundamenti kollha tal-ispiritwalità tiegħu. Meta Annita bdiet tikkorrispondi ma' Patri Piju kien għad kellha biss 24 sena u diġà kienet qed tgħix ħajja spiritwali profonda. Meta kienet tikteb lil Patri Piju kienet titkellem fuq il-vokazzjoni tagħha u ġieli semmiet xi dehriet misterjużi li b'din il-kitba ħalliet lil Raffaelina u lil Patri Agostino mħawda xi ftit. (Patri Agostino minn San Marco in Lamis kien wieħed mill-Kapuċċini li għenu ħafna lill-qaddis. Patri Piju matul is-snin kellu patrijiet li kienu diretturi spiritwali tiegħu, li kkunslawh f'mumenti diffiċli li għadda minnhom, li kienu xhieda ta' diversi esperjenzi mistiċi li għadda minnhom, u għalihom Patri Piju kien sar mudell ta' kif tkun Franġiskan tajjeb. Patri Agostino kien wieħed

minnhom. Kien iltaqa' ma' Patri Piju fl-1907 f'Serracapriola. Ġewwa Venafro huwa kien xhud ta' mument ta' estasi ta' Patri Piju u anki ta' mumenti meta kien iħabbtu x-xitan. Dan kien direttur spiritwali ta' Patri Piju u kien hu li ħallielna ħafna mill-memorji tiegħu. Huwa kien jgħix fil-kunvent tal-qaddis għal bosta snin bejn l-1944 u l-1963.)

Meta Patri Piju daħal fil-ħajja spiritwali ta' Annita huwa pprova jgħaqqad flimkien kemm in-normali u kemm dak li jidher sopranaturali, u b'hekk jipprova jgħinha fil-mixja spiritwali tagħha.

Se naraw fuq xiex kienu jitkellmu fl-ewwel sena ta' dawn il-korrispondenzi. Wara l-ittra ta' inkoraġġiment biex jirnexxilha tegħleb id-diffikultajiet spiritwali li bdiet tiltaqa' magħhom Annita, fis-6 ta' Frar 1915 Patri Piju kitbilha u rrakkomandalha biex Ġesù jkun iċ-ċentru tal-vjaġġ spiritwali tagħha. Huwa l-mudell tar-ruħ: "Tibżax mill-għadu; dan m'għandu l-ebda qawwa fuq il-vapur tal-ispiritwalità tiegħek, għax Ġesù huwa l-elmu u Marija hija l-istilla." (Ittra III.55)

Patri Piju beda jedukaha kif għandha titlob u meta titlob u dwar l-importanza tal-meditazzjoni fuq il-ħajja ta' Ġesù. Patri Piju semma l-meditazzjoni fl-ittra tat-8 ta' Marzu 1915 u ppropona li timmedita fuq il-ħajja ta' Kristu, speċjalment il-passjoni, il-mewt u l-qawmien tiegħu. B'hekk Annita setgħet tiltaqa' ma' Kristu fl-umanità u d-divinità tiegħu u tiltaqa' miegħu fl-Ewkaristija, il-post ċentali tal-kontemplazzjoni u l-post ewlieni fejn kienet tiġi biex tiċċelebra 'l Ġesù fil-quddiesa.



Dan huwa t-talb: mument ta' relazzjoni intima m'Alla. Għalkemm it-talb bl-amment huwa sabiħ ukoll, irridu nitgħallmu nitolbu wkoll mhux b'sett ta' formuli bl-amment imma b'mod ta' kif inpoġġu ruħna b'mod sempliċi quddiem Alla, nitkellmu miegħu u niddiskutu miegħu, nibku miegħu u anki nidħqu miegħu. Il-ħajja interjuri tagħna hija l-frott tax-xewqat tagħna biex nibdew djalogu ma' Ġesù permezz tat-talb, tal-meditazzjoni u s-sagramenti. Fl-ittra tiegħu Patri Piju beda jwassal lil Annita biex tibda djalogu kontinwu u kostanti m'Alla. Hu ggwidaha biex bħalu jkollha din l-esperjenza tal-preżenza t'Alla f'ħajjitha.

*Nistieden lilkom li qed taqraw dan l-artiklu biex intom ukoll tissieħbu magħna f'xi wieħed mill-gruppi ta' talb ta' Patri Piju tal-Pjagi, li huma mxerrda ma' Malta u Għawdex.* ■

# L-Innu Malti

Joseph C. Camilleri
BA, DEAM, M.Ed. (Pl. & Mgt)



# Ċentinarju tal-Innu Malti, **l-innu nazzjonali Malti** (it-tielet parti)

**Fl-ewwel artiklu rajna r-reazzjoni Maltija u dik tal-gvern kolonjali f'Malta għad-dħul tal-Innu Malti. Fit-tieni parti rajna kif l-Innu Malti serva ta' illużjoni għall-poplu matul l-ikbar kunflitt li rat Malta matul is-seklu 20. U issa se naraw il-ġlieda tal-Prim Ministru Malti – l-Avukat Ġorġ Borg Olivier – biex l-Innu Malti jindaqq fejn jidħol ir-rappreżentant Malti.**

## IL-ĠLIEDA GĦALL-INNU MALTI TKOMPLI

Wieħed mill-Prim Ministri – l-Avukat Ġorġ Borg Olivier (1911-1980) – kellu f'moħħu l-iskop li jneħħi l-istat ta' Malta bħala kolonja u fl-istess ħin isaħħaħ is-sovranità tal-pajjiż. Wara l-mewt tal-Prim Ministru Neriku Mizzi (1885-1950) laħaq Dr Ġorġ Borg Olivier. Mis-sena 1952 dan il-Prim Ministru beda ma jattendix iċ-ċelebrazzjonijiet li kienu jorganizzaw sew il-Gvern Imperjali f'Malta u sew il-Forzi Armati Ingliżi li kienu stazzjonati f'Malta, jekk mal-wasla tal-Prim Ministru Malti ma kienx jindaqq l-Innu Malti. Din it-tip ta' protesta baqgħet sejra anke wara l-ksib tal-indipendenza.

Fl-1953 il-Prinċipessa Elizabetta kienet se tiġi inkurunata reġina tar-Renju Unit u imperatriċi tal-Imperu Ingliż. Il-Prim Ministru Malti l-Avukat Ġorġ Borg Olivier ma aċċettax l-invit biex jattendi għaċ-ċerimonja, għaliex Malta kienet miġbura mal-kolonji Ingliżi u bħala bandiera kellha tittajjar il-bandiera 'blu' tal-kolonja Maltija. L-Assemblea Leġiżlattiva tat sapport lill-Prim Ministru. Daħal fil-kwistjoni l-Prim Ministru Ingliż Sir Winston Churchill (1874-1965) u r-Reġina nnifisha. L-istorja rrepetiet ruħha ftit wara. Biex tiġi ċċelebrata l-inkoronazzjoni l-Forzi Armati Ingliżi f'Malta organizzaw kunċert fit-Teatru Orpheum tal-Gżira nhar il-11 ta' Lulju 1953. Is-surmast li kellu jmexxi l-baned tas-Servizzi Ingliżi kien il-magħruf Sir Malcolm Sargent (1895-1967). Qamet il-kwistjoni tal-Innu Malti, li kellu jindaqq mal-wasla tal-Prim Ministru Malti. L-Avukat Ġorġ Borg Olivier reġa' qajjem il-kwistjoni. Issa anke Lord Mountbatten (1900-1979) daħal fin-nofs. Xorta waħda l-Prim Ministru ma attendiex.

Fl-1954 kellha ssir il-parata ad unur ir-Reġina fl-okkażjoni tal-birthday uffiċjali. Mal-invit tqassmu karti li fakkru lill-mistednin li ma kellhomx isellmu waqt id-daqq tal-Innu Malti. Il-Maltin ħassewhom offiżi. Il-Gvernatur Sir Gerald Creasy (1897-1983) ordna

verżjoni oħra tan-nota, li tqassmet kemm jista' jkun malajr mal-mistednin. L-Avukat Ġorġ Borg Olivier ċempel fil-ħdax neqsin għaxar minuti ta' billejl lis-Segretarju tal-MIG u qallu li ħadd mill-kabinett, u lanqas mill-Assemblea Leġiżlattiva, ma kien ser jattendi, minħabba li ma kienx ser jindaqq l-Innu Malti. Daħal fil-biċċa Lord Moutbatten, li ordna lill-membri tas-Servizzi Ingliżi biex isellmu 'l-Innu Malti. Waqt iċ-ċerimonja, meta beda l-Innu Malti Lord Mountbatten sellimlu, iżda l-Gvernatur, li kien fuq siġġu ħdejh, baqa' bilqiegħda. Din l-istorja spiċċat fil-House of Commons, il-parlament Ingliż.

Il-kwistjoni tal-Innu Malti damet għaddejja. Laħaq Sir Maurice Dorman (1912-1993) bħala gvernatur. Dan waħħalha f'rasu li jikteb lir-Reġina biex jieħu parir dwar id-daqq ta' dan l-innu. Din l-ittra qatt ma waslet għandha u 'l-Gvernatur qalulu li kien għamel żball li pprova jdaħħal ir-Reġina fin-nofs.

## IL-KOSTITUZZJONI TAL-1964

Sas-sena 1964 l-Innu Malti ma kien għadu mogħti l-ebda rikonoxximent uffiċjali. Kienet il-kostituzzjoni tal-1964 li għarfet l-Innu Malti bħala l-innu nazzjonali.



Fl-1964 Malta kellha l-monarkija tagħha – id-Dar Irjali ta' Windsor. Ir-Reġina Elizabetta II tal-Ingilterra saret ukoll ir-Reġina ta' Malta. Malta ma kinitx l-uniku stat li kien jagħraf lil din is-sovrana bħala l-kap tal-Istat tiegħu. Kien hemm fost l-oħrajn l-Awstralja, New Zealand u l-Kanada. Sakemm l-armata Ingliża baqgħet Malta l-forzi militari Ingliżi kienu jorganizzaw parata ad unur ir-Reġina fil-jum uffiċjali tal-birthday tagħha. Il-Prim Ministru Ġorġ Borg Olivier kien jinsisti mal-Forzi Armati Ingliżi li kellhom isellmu l-wasla simbolika tar-Reġina bl-Innu Malti, għaliex issa Eliżabetta, barra li kienet kap tar-Renju Unit, saret ukoll kap tal-Istat ta' Malta. Borg Olivier kellu raġun għax Eliżabetta kienet ukoll ir-Reġina ta' Malta. Il-militar Ingliż ma aċċettax. Fuq parir tal-Prim Ministru, il-Gvernatur Ġenerali, ir-rappreżentant tar-Reġina f'Malta, ma aċċettax l-invit biex jattendi għal din iċ-ċerimonja. La l-Prim Ministru u lanqas il-ministri ma attendew iċ-ċerimonja. Fl-aħħar il-militar ċeda u l-wasla simbolika tar-Reġina bdiet tiġi milqugħa bl-Innu Malti minflok bil-*God Save the Queen.*

Ir-relazzjoni bejn il-Prim Ministru Malti u s-Servizzi Ingliżi ma tantx baqgħet tajba. Riedu jsibu soluzzjoni. Il-militar Ingliż beda jorganizza parata għalih waqt li l-Maltin bdew jagħmlu l-istess, parata għalihom fl-Arena tal-Indipendenza. Ta' min isemmi s-sena 1966, meta l-militar Ingliż organizza parata fil-barracks ta' St Patrick, fejn indaqq l-innu *God Save the Queen* waqt li l-Maltin għamlu parata oħra, din id-darba fl-Arena tal-Indipendenza, il-Furjana, fejn indaqq l-Innu Malti. Ir-rebħa ta' Ġorġ Borg Olivier kienet għadha ġejja. Fl-1967 ir-Reġina għamlet l-unika żjara bħala Reġina ta' Malta f'pajjiżna. Meta waslet ir-Reġina, il-banda tar-RMA sellmet lir-Reġina bid-daqq tal-Innu Malti. Din kienet rebħa għall-Innu Malti. ■

# Mid-djarju tal-Kapuċċini Maltin



Br Miguel Zammit OFMCap
segretarju provinċjali

## 1. BIDU TAL-ĦIDMA PASTORALI TA' ĦUNA BERTRAND VELLA BĦALA KAPPILLAN TAL-PARROĊĊA TA' SAN ĠWANN

Nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Ottubru 2022, tifkira tal-Madonna tar-Rużarju, fil-knisja parrokkjali ta' Sidtna Marija ta' Lourdes f'San Ġwann, ġiet iċċelebrata quddiesa mmexxija minn Mons. Arċisqof, l-E. T. Mons. Charles J. Scicluna, li fiha ngħata bidu għall-ħidma pastorali ta' Fr Bertrand Vella bħala l-kappillan il-ġdid ta' din il-parroċċa. Fil-bidu tal-quddiesa nqara d-digriet ta' Mons. Arċisqof, li bih Fr Bertrand inħatar bħala kappillan. Imbagħad wara l-omelija dan Ħuna ġedded il-voti saċerdotali tiegħu, u wara purċissjoni simbolika li saret waqt il-quddiesa l-Arċisqof ippreżenta lill-kappillan it-tabernaklu, il-fonti tal-magħmudija, il-konfessjonarju, il-qanpiena u l-ambone, biex jurih ir-responsabbiltà li huwa għandu bħala ragħaj ta' din il-merħla. Kienet ċelebrazzjoni sabiħa kemm għalina bħala provinċja u anke għall-parruċċani ta' din il-lokalità. Nitolbu għal dan Ħuna sabiex flimkien mal-fraternità jkompli jaħdem għall-ġid ta' din il-komunità parrokkjali f'San Ġwann.












## 2. FESTA TA' SAN FRANĠISK 2022

Il-festa ta' Missierna San Franġisk ta' din is-sena ġiet iċċelebrata f'żewġ mumenti partikolari. It-Tnejn, 3 ta' Ottubru 2022, lejlet il-festa ta' Missierna, iltqajna lkoll fil-kunvent tagħna tal-Kalkara biex flimkien niċċelebraw it-talba tal-Għasar u wara fakkarna t-tranżitu ta' Missierna San Franġisk minn din il-ħajja għall-ħajja ta' dejjem. Fir-riflessjoni tiegħu l-Ministru Provinċjali Fr Ivan Scicluna tkellem fuq tliet punti importanti. Wara dan il-mument ta' talb saret ikla fraterna fir-refettorju tal-kunvent. L-għada, it-Tlieta 4 ta' Ottubru, nhar il-festa, ġiet iċċelebrata quddiesa fil-knisja tal-Furjana, immexxija mill-Ministru Provinċjali. L-attendenza tan-nies kienet waħda inkuraġġanti ħafna. Wara l-quddiesa sar ukoll riċeviment żgħir fuq is-sur tal-kunvent.



## 3. ĦUTNA F'LE CELLE, CORTONA

Fis-7 ta' Ottubru 2022 Fr Hayden Williams telaq minn Malta sabiex imur lejn il-kunvent ta' Cortona ġewwa l-Italja. Huwa qed jissetilja tajjeb u fl-14 ta' Ottubru telaq jipprietka Sqallija. Nitolbu biex il-ministeru tal-predikazzjoni tiegħu jħalli l-frott. Fr Joe Giuliano wasal ukoll Cortona fl-10 ta' Ottubru, akkumpanjat mill-Ministru Provinċjali, Ħuna Ivan Scicluna. Fr Joe wkoll qed jinserixxi ruħu tajjeb f'din il-fraternità internazzjonali u f'dan l-ambjent sabiħ li kien żar ukoll San Franġisk. Fr Effie Mallia wasal Cortona ma' Joe u mal-Provinċjal ukoll fl-10 ta' Ottubru. B'serenità qed jgħix il-bidu ta' dan ix-xahar f'dan il-kunvent għażiż għall-provinċja Toskana u għall-Ordni kollu. Nitolbu għal dawn Ħutna biex dawn l-esperjenzi ġewwa Cortona – twal jew qosra – ikunu ta' ġid u barka għal dawn l-Aħwa, għall-provinċja u għall-Ordni tagħna.



## 4. JUM IL-FURJANA – ĠENNA TA' ĠONNA

Nhar il-Ħadd, 9 ta' Ottubru 2022, bħal kull sena, ġie ċċelebrat Jum il-Furjana. Għal din l-okkażjoni jiġu ċċelebrati diversi attivitajiet marbuta ma' dan il-lokal imżejjen b'madwar 10 ġonna u diversi monumenti sbieħ u storiċi. Attivitajiet relatati magħna l-Franġiskani Kapuċċini, li nagħmlu parti mill-Furjana, ma kinux neqsin. Ħafna ġew u ħadu l-opportunità li jżuru parti mill-kunvent tagħna, speċjalment il-muzew u l-kannierja.

Kellna wkoll attività ta' fundraising li tolqot l-animazzjoni missjunarja. B'inizjattiva tal Grupp Flame, animat minn Ħuna Br Miguel Zammit u wħud mill-membri tal-Grupp Koppji Franġiskani, fosthom il-koppji Doris u Sandro Borg kif ukoll Dorian u Connie Holland, kienu organizzati car wash u carboot sale b'risq il-missjoni. Kienu ħafna n-nies li attendew, apprezzaw kull ħidma li saret u wkoll ma naqsux milli jagħtu l-kontribuzzjoni tagħhom. Grazzi lil kulħadd, speċjalment lil dawk li għenu sabiex dawn l-attivitajiet ikunu suċċess.





## 5. IT-TNEDIJA TAL-KTIEB *PATRI DONAT SPITERI: QADDEJ TAL-KELMA TA' ALLA*




Il-Ġimgħa, 11 ta' Novembru 2022 fl-Oratorju tal-Konkatidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta saret it-tnedija tal-ktieb *Patri Donat Spiteri: Qaddej tal-Kelma ta' Alla*, miktub mir-Rev. Dr Martin Micallef. It-tnedija kienet organizzata mid-Dipartiment tal-Iskrittura, il-Lhudi u l-Grieg tal-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta, taħt il-patroċinju ta' Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna.

Matul it-tnedija sar qari bil-Lhudi u bil-Grieg minn testi partikolari mill-Iskrittura u diskorsi dwar il-Bibbja, dwar l-istorja tal-Fakultà tat-Teoloġija f'Malta kif ukoll dwar it-tqassim ta' dan il-ktieb-bijografija ta' P. Donat Spiteri, miktub fl-okkażjoni tal-100 sena mit-twelid tiegħu. Mons. Arċisqof tkellem dwar P. Donat u l-pastorali biblika li wettaq flimkien mat-tagħlim tal-Iskrittura fl-Università ta' Malta, legat li huwa ħalla fil-Knisja ta' Malta.



Kite Group daħal għal din il-pubblikazzjoni magħmula minn aktar minn 600 paġna, li tiġbor fiha l-ħajja u l-ħidmiet li wettaq P. Donat, il-kitbiet tiegħu flimkien ma' numru ta' ritratti li jfakkru episodji diversi minn ħajtu.

## 6. PELLEGRINAĠĠ B'TALB GĦAL ĦUTNA L-MEJTIN

Nhar it-Tlieta, 8 ta' Novembru 2022 saret laqgħa tal-provinċja, kif isir ta' kull sena, bħala talb għall-aħwa patrijiet u sorijiet, terzjarji u benefatturi tagħna. Din is-sena, differenti mis-soltu, din il-laqgħa saret fil-gżira ta' Għawdex. Għalhekk in-numru sabiħ ta' aħwa li attendew iltaqgħu fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija f'Għawdex, fejn saret purċissjoni qasira u wara talb u tberik fuq l-oqbra tal-aħwa tagħna. Dan il-mument ta' talb tmexxa mill-Ministru Provinċjali Fr Ivan Scicluna. Wara nġbarna lkoll fil-knisja santwarju tagħna tal-Grazzja, fejn ġiet iċċelebrata quddiesa. Din il-quddiesa tmexxiet mill-Vigarju Provinċjali tagħna Fr Raymond Bonnici. Wara dawn iż-żewġ mumenti ta' talb l-aħwa nġabru flimkien Marsalforn, fejn saret ikla fraterna. Kien mument sabiħ ħafna għall-aħwa li attendew, għax flimkien mhux biss tlabna u ftakarna fl-aħwa għeżież mejtin tagħna imma anke kellna mument ta' fraternità provinċjali.





## 7. JIEM TA' AKKOLJENZA FIL-KUNVENT TAL-KALKARA

Bejn it-12 u t-13 ta' Novembru 2022 fil-kunvent tagħna tal-Kalkara ġew organizzati jumejn ta' akkoljenza. Dawn il-jumejn din id-darba kienu indirizzati għall-koppji. Kienu jiem sbieħ li fihom dawk li attendew setgħu jingħaqdu mal-aħwa tal-fraternità għall-mumenti tat-talb, l-ikel u r-rikreazzjoni. Huma kellhom imbagħad ħin għal mumenti ta' formazzjoni speċifika. Mumenti bħal dawn ta' akkoljenza huma intenzjonati biex il-fraternità tal-Kalkara toffri spazju ta' skiet u riflessjoni f'dinja mgħaġġla u toffri l-fraternità f'dinja li dejjem qed issir individwalista.



## 9. LAQGĦAT TAL-ORDNI

Bejn is-26 u d-29 ta' Ottubru 2022 ġewwa Pariġi, Franza saret l-aħħar laqgħa tal-Konferenza CENOC, li s'issa l-provinċja tagħna kienet tagħmel parti minnha. Din il-laqgħa saret għall-ministri provinċjali u d-delegati tal-Ġermanja, l-Awstrija, l-Iżvizzera, il-Belġju, l-Olanda, l-Irlanda, l-Ingilterra, Franza u Malta. Matul dawn il-jiem saru rapporti mill-provinċjali u d-delegati dwar il-qagħda tal-provinċja/delegazzjoni tagħhom, saret diskussjoni dwar il-formazzjoni fl-Ewropa, il-kollaborazzjoni bejn il-provinċji u anke diskussjoni dwar iż-żewġ konferenzi ġodda tal-Ordni.

Imbagħad, mit-30 ta' Ottubru sal-1 ta' Novembru 2022, saret l-ewwel laqgħa għall-ministri provinċjali, il-kustodji u d-delegati tal-konferenza l-ġdida tal-Mediterran, li fiha dawn iċ-ċirkoskrizzjonijiet.

Provinċji: il-Portugall, Spanja, il-Katalunja, Franza, is-Slovenja, il-Kroazja, ir-Rumanija, il-Piemonte, Ġenova, il-Lombardija, il-Veneto, l-Emilia Romagna, Sardenja, iċ-Ċentru tal-Italja, it-Toskana, Le Marche, Foggia, Puglia, Campania, Calabria, Sqallija u Malta.

Kustodji: il-Libanu, Ticino u r-Rumanija.
Delegazzjonijiet: l-Albanija, il-Greċja u t-Turkija.
Preżenza: l-Alġerija u Ġerusalemm.

## 8. PASTORALI MAL-IMMIGRANTI

Mis-Sibt 5 ta' Novembru 2022 Br Ryan Dalli, flimkien ma' voluntiera oħra mill-għaqda Ħal Far Outreach, reġgħu bdew b'ferħ jilqgħu ġewwa l-kunvent tagħna tal-Kalkara numru ta' immigranti għal numru ta' lezzjonijiet bażiċi tal-kompjuter bit-tama li dan jgħinhom biex jintegraw aħjar fil-post tax-xogħol u fis-soċjetà Maltija. Matul il-lezzjoni ta' tliet sigħat ikun hemm ukoll mument ta' rikreazzjoni flimkien bil-għan li l-voluntiera u r-refuġjati jsiru jafu aħjar lil xulxin fuq livell ta' ħbiberija u jagħrfu li wara kull wiċċ hemm storja ta' persuna bil-ħolm, il-biżgħat u x-xewqat tagħha. Huwa ta' ferħ li diversi ħbiberiji baqgħu saħansitra wara li ntemm l-ewwel kors ta' lezzjonijiet f'Ġunju li għadda. Fl-aħħar ta' dan il-kors huma jingħataw ċertifikat kif ukoll il-possibiltà sabiħa li jieklu mal-aħwa fil-fraternità.



Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti l-Ministru Ġenerali Ħuna Roberto Genuin, il-Vigarju Ġenerali Ħuna José Angel Torres, u l-Kunsillier Ġenerali Ħuna Francesco Neri. Matul dawn il-jiem l-aħwa preżenti kellhom l-opportunità li jsiru jafu lil xulxin, iddiskutew proposti għall-konferenza l-ġdida u ġiet iffurmata kummissjoni tal-konferenza l-ġdida. Intgħażlu ħames provinċjali u segretarju. Il-Ministru Provinċjali tagħna Fr Ivan Scicluna attenda għal dawn iż-żewġ laqgħat f'isem il-provinċja tagħna u ntgħażel bħala wieħed mill-membri tal-kummissjoni tal-konferenza l-ġdida.





## 10. FESTA TA' SANTA ELIŻABETTA TAL-UNGERIJA

Nhar il-Ħamis, 17 ta' Novembru 2022, fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Elizabetta tal-Ungerija, Patruna tal-Ordni Franġiskan Sekulari, ġiet organizzata quddiesa fil-knisja tagħna tas-Salib Imqaddes, il-Furjana għall-membri tal-Ordni Franġiskan Sekulari. Din il-quddiesa tmexxiet mill-Vigarju Provinċjali tagħna Fr Raymond Bonnici, assistit mid-diretturi spiritwali tal-Ordni Franġiskan Sekulari. Wara l-quddiesa saru t-tberik u t-tqassim tal-ħobż.



## 11. IRTIR TAL-AVVENT GĦALL-MEMBRI TAL-GRUPP TA' SAN PIJU

Nhar l-Erbgħa 23 ta' Novembru fil-kunvent tagħna tal-Kalkara ġie organizzat irtir għall-membri tal-gruppi ta' talb ta' San Piju ta' Pietrelcina. Dan l-irtir kien jikkonsisti f'quddiesa mmexxija minn Fr Martin Mamo, Direttur Nazzjonali tal-Gruppi ta' Talb, b'intervent mill-Ministru Provinċjali Fr Ivan Scicluna u b'konferenza minn Br Miguel Zammit. Kien hemm attendenza sabiħa ħafna u kienu diversi dawk li apprezzaw li dan l-irtir sar f'wieħed mill-kunventi tagħna. Nitolbu u nkomplu naħdmu biex dawn il-gruppi, taħt id-direzzjoni ta' Fr Martin, ikomplu jissaħħu u jikbru.





# L-Ewwel tas-Sena...
# Jum il-Paċi



Kav. Carmel Bianchi KGO

Fl-ewwel jum tas-sena l-ġdida,
il-Knisja, dan il-jum sabiħ
tiddedikah u tawgura
paċi 'l kulħadd, b'xewqat sbieħ.

Il-paċi, xi ġmiel ta' kelma!
Pjaċir tismagħha kull ħin.
Kulħadd jixtieq din issaltan
fid-dinja u mal-bnedmin.

Il-kelma "paċi", xħin tlissinha,
itħoss fik imħabba u serħ,
għax kull bniedem żgur jixtieqha,
din, timlieh ħafna bil-ferħ.

Ħajja waħda għandu l-bniedem,
għaqli jkun jekk jgħix bil-qies,
iħalli post f'qalbu għal Alla,
paċi jtih u jgħix ta' nies.

X'jiswa li tkun għani ħafna
mbagħad tgħix ta' indannat?
Aħseb biex tikseb il-paċi
f'ħajtek; tibqax ingannat.

Bil-maħfra biss hemm il-paċi,
f'qalbek tħossok tant ferħan.
Din tagħmillek ġid għal saħħtek;
tkun eroj, le, mhux baħnan.

Mhux li kienu l-mexxejja
jaħdmu, dawn, ilkoll id f'id,
biex id-dinja twarrad paċi –
sew għal kulħadd jiswa ġid!

Jitwarrbu l-armi qerrieda;
dawn iġibu biss imwiet.
Żgur id-dinja m'għandhiex bżonnhom;
jagħmlu ħsarat u qerdiet.

Il-gwerer joħonqu l-paċi;
qtil u ħerba, tant tkissir,
tfal, adulti innoċenti
jsofru biża' u twerwir.

Meta l-anġli dehru 'r-ragħajja
ħabbru l-paċi lill-bnedmin,
dawk kollha ta' rieda tajba,
meta twieled il-Bambin.

Kristu, kull meta kien jidher
lill-appostli maħbubin,
"Il-paċi magħkom" sellmilhom
waqt li jarahom magħqudin.

Fid-dehriet tagħha l-Madonna
Tisħaq biex nitolbu dan.
Fid-dinja l-paċi tirrenja,
iġib ferħ u wisq serħan.

Anke wlied San Ġorġ Preca
dit-tislima wkoll jużaw;
jgħidu "Paċi" xħin jiltaqgħu.
Xi ġmiel! Hekk jindirizzaw.

Qabel jagħti l-barka t'Alla
"Il-paċi magħkom" jgħid il-kliem,
is-saċerdot itemm il-quddiesa,
il-poplu jmur ferħan fis-sliem.

Ma ninsewx ukoll nitolbu
lil tal-paċi s-Sultana:
dik Marija, il-kbira Omm Alla,
ħanina u wisq setgħana.

Duru lejn il-qalb ta' Kristu –
Hu biss tal-paċi s-sultan.
Ibqgħu tgħannqu u tħaddnu miegħu;
il-ferħ tiegħu tant kotran.

# Nuru li aħna Nsara **bil-fatti waqt il-prova**



Fr Silvestru Bonavia OFMCap



| Il-konferenza episkopali Maltija: l-Arċisqof Charles J. Scicluna, l-Isqof Anton Teuma ta' Għawdex u l-Isqof Awżiljarju Joe Galea Curmi

**Illum nixtieq naqsam magħkom, għeżież qarrejja, ftit ħsibijiet tal-Papa Franġisku li jdawlu ħafna l-qagħda tal-Knisja u tal-familji, ukoll f'pajjiżna. Il-kelma tal-Papa u l-isqfijiet tagħna hija dejjem dawl, ċar u qawwi, fuq dak li l-Knisja b'mod jew ieħor, ħafna jew ftit, direttament jew indirettament, tkun għaddejja minnu. U d-dmir tagħna hu li nirriflettu fuqu, inħalluh idawwalna u jkun hu li jmexxina fid-deċiżjonijiet tagħna.**

Qrajna u qed naqraw u nibqgħu naqraw fil-jiem twal li ġejjin, jekk mhux ukoll fix-xhur ta' wara, dwar it-tnissil tat-tarbija f'ġuf ommha; anzi kellu bżonn min għandu vuċi u mezzi jsemma' leħnu aktar. Tieħu gost li ħafna wrew li huma Nsara mhux biss konvinti huma imma impenjati biex jagħtu xhieda tal-konvinzjonijiet tagħhom u jsaħħu t-twemmin ta' ħutna madwarna. Min għandu setgħa, għerf, intelliġenza u mezzi oħra, ħa juri dak li mhux biss tgħallem il-Knisja imma, kif qalulna l-isqfijiet, ix-xjenza wkoll turina li fil-ġuf tal-omm hemm kreatura ġdida, ħajja, li trid tikber u tgħix. Illum bl-iżvilupp tal-mediċina, anke f'pajjiżna, dan qed ikun kontribut siewi ħafna biex kemm it-tarbija titwieled kemm jista' jkun b'saħħitha fl-ambjent naturali tagħha kif ukoll l-omm tiġi mogħtija kull għajnuna f'waqtha biex tiled lit-tarbija, ukoll meta jkun hemm diffikultajiet li xi drabi, b'mod speċjali għall-ewwel, jidhru diffiċli jew diffiċli ħafna.

***"Ngħożżu l-ħajja għax kull ħajja hija don t'Alla"***

Nawguraw u nitolbu ħafna lil Alla għat-tobba, l-ispeċjalisti u l-istaff mediku kollu li hu impenjat f'dan il-qasam. U l-ommijiet u żwieġhom u t-tobba tal-familja nitolbu li jkollhom il-kuraġġ u s-serenità meħtieġa f'mumenti xejn ħfief!

Veru għaqlija kienet "In-Nota Pastorali" tal-isqfijiet ta' Malta u Għawdex, Charles J. Scicluna u Anton Teuma, flimkien mal-Isqof Awżiljarju J. Galea Curmi, li nqrat fil-knejjes nhar il-Ħadd 4 ta' Diċembru. L-isqfijiet itennulna li din mhux biss duttrina tal-Knisja imma hija frott tax-xjenza, li tgħidilna li dak li hemm fil-ġuf huwa "ħajja ġdida". Il-fidi mbagħad tgħeġġigna "biex ngħożżu din il-ħajja li bdiet għax kull ħajja hija don t'Alla".

***Klawsola perikoluża ħafna***

L-isqfijiet ifakkruna li f'dawn l-emendi li ġew ippreżentati hemm imdaħħla l-klawsola li għandha tiġi mħarsa l-ħajja tal-omm ukoll meta hemm xi periklu "għal saħħitha". U dil-klawsola "tipproponi li tista' tħares is-saħħa billi toqtol ħajja umana ġdida. Dan ifisser abort."

Imma l-isqfijiet itennu li meta ddaħħlet din il-klawsola f'pajjiżi oħra din wittiet it-triq għall-abort! Kif fil-fatt sar. U dan hu li dawk responsabbli mit-tfassil tal-liġi jridu joqogħdu attenti u attenti ħafna. "L-istorja ta' għadd ta' pajjiżi turina li l-abort daħal proprju bl-użu ta' din il-kelma "saħħa", kif qed jiġi propost fl-emenda Maltija. Din hi ħaġa serja ħafna." U l-isqfijiet ikomplu: "Meta wieħed jinnega d-dinjità tat-tarbija fil-ġuf, il-pedament tar-rispett lejn id-dinjità ta' kull bniedem – inkluż tal-mara u tal-professjonist – jitfarrak."

***"Responsabbiltà" - "Fil-ġuf hemm ħajja umana, mhux oġġett"***

Għalhekk l-isqfijiet ħassew id-dmir li jiġbdu l-attenzjoni tal-membri parlamentari kollha biex iżommu dan quddiem għajnejhom meta jiġu biex jiddiskutu u jilleġiżlaw u jiddeċiedu dwar dan:

***"Nagħmlu wkoll appell speċjali lil dawk li jġorru fuq spallejhom ir-responsabbiltà kbira rigward l-emenda, biex l-għażla tagħhom tkun favur il-ħajja u mhux favur il-mewt."***

L-istess appell ħerqan l-isqfijiet tennewh fl-ittra miftuħa li bagħtu lill-membri kollha tal-Parlament. Nikkwota biss l-aħħar parti tal-ittra:

"Ħajja ġdida bdiet fil-waqt tal-konċepiment. Fil-ġuf tal-omm hemm ħajja umana, mhux oġġett li wieħed jista' jwarrbu jew jeqirdu. L-appell minn qalbna lilkom hu li tagħrfu r-responsabbiltà kbira li għandkom fuq spallejkom li tipproteġu lil min hu dgħajjef u vulnerabbli, u tħarsu l-ħajja mhux teqirduha. Nitolbu li intom tagħrfu l-importanza u l-implikazzjonijiet tal-għażla li għandkom quddiemkom u nħeġġukom bi kliem mill-aktar qawwi possibbli biex tagħżlu l-ħajja minflok il-mewt."

B'dawn il-ħsibijiet li jtaqqlu l-qalb ta' kull min jemmen tassew nixtiqilkom sena ġdida 2023 u nittamaw li tkun sena mhux imdella bi sħab u ċpar iswed imma b'dawl u paċi li jaf jagħti Ġesù, is-sultan tal-ħajja li ċċelebrajna t-twelid tiegħu ukoll bħala bniedem minn Marija Verġni. U għalhekk l-awgurju tiegħi lilkom ilkoll huwa l-istess li tenna l-Papa Franġisku fil-bidu tal-Avvent li ċċelebrajna bi tħejjija għall-Milied Imqaddes: "Nixtiqilkom li (matul is-sena l-ġdida) tagħmlu ħafna atti żgħar li jġibu l-paċi kuljum: atti li tilqgħu lil xi ħadd, li tifhmu lil xi ħadd, li turu li intom qrib, li taħfru u taqdu, ġesti magħmulin mill-qalb. Dawn ikunu passi li jwassluna lejn Ġesù, is-Sultan tal-Paċi."

***Is-Sena t-tajba lil kulħadd, mimlija b'kull paċi u barka tal-Mulej.*** ■

# Soppa tal-għazz ta' Ġakobb





Fr Paul Bugeja OFMCap

Fil-Ktieb tal-Ġenesi, kapitlu 25, fil-Bibbja nsibu lil Ġakobb isajjar soppa tal-għazz għal ħuh Eżaw bi tpartit għall-primoġenitura tiegħu. Il-primoġenitura kienet tingħata bi dritt lill-ewwel wild tifel fil-familja. Fost il-privileġġi kien hemm li dan jiret darbtejn iżjed mill-wirt tal-missier.



## Ingredjenti:

4 mgħaref tursin frisk imqatta'
3 karrotti
3 zkuk karfus bil-weraq b'kollox
2 mgħaref żejt taż-żebbuġa
basla kbira mqattgħa
ras ta' tewma mgħaffġa
300 gr għazz aħmar
100 gr barley
litru u nofs stokk tal-haxix
kuċċarina u nofs kemmun
kuċċarina tursin
werqa randa
melħ u bżar

## Tisjir:

1. Qatta' t-tursin.
2. Qatta' l-karrotti biċċiet, kif ukoll il-karfus.
3. Itfa' ftit żejt ġo borma u qalli l-basla sakemm tibda ssir.
4. Żid it-tewma, il-karrotti u l-karfus.
5. Sajjarhom sakemm jiħmaru ftit.
6. Wara żid l-għazz aħmar u l-barley u ħawwadhom.
7. Ferra' l-istokk tal-ħaxix u ħallih jagħli.
8. Wara baxxi n-nar u żid it-tursin mal-kemmun u l-werqa randa, ħawwad u kompli sajjar.
9. Għatti bl-għatu l-borma u ħallih isir għal madwar siegħa jew siegħa u nofs. Ħu ħsieb li tħawwad minn ħin għal ieħor.
10. Sajjar sakemm il-barley ikun irtab.
11. Servi bi ftit tursin fil-wiċċ.

# Tisliba **Nru 206**



1. Hekk sfaw ommijietna. (Lam. 5, 3) (5)
2. Ma kellhomx x'jaqsmu ma' dawn. (Imħ. 18, 7) (6)
3. Min jiekol mhux apposta. (Lev. 22, 14) (5)
4. Fejn ser jaqa' l-wirt tiegħu. (Mk 12, 7) (5)
5. Weġibhom: "Ommi u dawn." (Lq. 8, 21) (4)
6. F'idejn min ħalliehom San Pawl. (1 Tim. 1, 20) (5)
7. Hekk agħmel, ċipress, ballut! (Żak. 11, 2) (5)
8. Alla tah għana, ġid u dawn. (Koħ. 6, 2) (5)
9. Bħalma din tredda'. (1 Tess. 2, 7) (3)
10. Kienet fuq l-imqagħad. (2 Slat. 16, 17) (7)
11 u 12. Biex nibni u mhux biex hekk. (2 Kor. 13, 10) (6)
13. Li *ssakkar* ġewwa l-mara ħażina. (Sir. 42, 6) (6)
14. X'nagħmel 'il ta' warajja. (Fil. 3, 13) (5)
15. Ilbiesu... silġ. (Dan. 7, 9) (5)
16. Ma niswiex din. (Ġobb 40, 4) (5)
17. Għax hekk hu tagħna. (Dt. 32, 4) (5)
18. Għal din li kellu għalih. (1 Sam. 20, 17) (7)
19. Imma li tiħduh sħiħ. (2 Ġw. 8) (4)
20. Talab lill-Mulej u... (Ġona 4, 2) (3)
21. Sewda din. (Ġoel 2, 2) (5)
22. Li inti... bil-qawwa. (Neħ. 1, 10) (5)



Fr wistin attard OFMCap

# Aqta' min **Nru 46**

1. Jgħib mat-tempesta. Prov. 10,25
2. Dan sur għat-tajjeb. Prov 10,29
3. Dawn ikollhom l-għerf. Prov 11,2
4. Huwa aħjar mill-armi tal-gwerra. Koħ 9,18
5. Jiġu mlaħħqin f'postijiet għolja. Koħ 10,6
6. Dawn jimxu bħall-ilsiera. Koħ 10,7
7. Jibżgħu kif jisimgħu bija. Għerf 8,15
8. Imtaqqla b'ġisem li jitħassar. Għerf 9,15
9. Missier id-dinja. Għerf 10,1
10. Ikun miegħek meta jaqbillu. Sir 6,8
11. Jiswa daqs teżor. Sir 6,14
12. Qiegħed riġlejk fil-ktajjen tiegħu. Sir 6,24

## Ir-rebbieħa tal-ħarġa ta' Novembru 2022

Agendabookshop

Ir-rebbieħa ta' kull kompetizzjoni jingħataw żewġ kotba mogħtija ġentilment minn AGENDA – MILLER DISTRIBUTORS LIMITED. Ir-rebbieħa jittellgħu bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-15 tax-xahar. Ir-rebbieħ tal-kompetizzjoni **TISLIBA NRU 205** huwa RAMON PSAILA - 20, Triq il-Fuħħari iż-Żejtun - ZTN 1063. Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni OĠĠETTI MILL-BIBBJA (14) hija MARIANNE ZAMMIT li toqgħod 43, 'Melita' - Triq Wilħa Ħal Luqa LQA 1530. Nistiednu lir-rebbieħa sabiex jiġu jiġbru l-premju mogħti lilhom mill-Uffiċċju tal-Missjoni Kapuċċini, il-Furjana.

## Soluzzjoni għal Tisliba #205

**1.** Ġibna; **2.** Imperu; **3.** Tarki; **4.** Ħaruf; **5.** Inti; **6.** Irqad; **7.** Iġmla; **8.** Abner; **9.** Noè; **10.** Kburija; **11.** u **12.** Duħħan; **13.** Armati; **14.** Ittra; **15.** Ħitan; **16.** Saqqa; **17.** Qrati; **18.** Tjubija; **19.** Użin; **20.** Mar; **21.** Rżina; **22.** Qatet.

# 8 Modi kif tista' tgħin

## L-ewwel u qabel kollox offri t-talb u s-sagrifiċċji tiegħek għall-ħtiġijiet spiritwali tal-missjunarji.

**1.** **Borża ta' studju** sabiex tgħin seminarista jsir saċerdot Franġiskan Kapuċċin. Minbarra li tkun qed tinvesti sabiex tadotta saċerdot, hu jadotta lilek billi jitlob għalik kuljum f'kull quddiesa li jqaddes f'ħajtek u wara mewtek. Kull borża ta' studju tiswa €600.

**2.** **Ibagħtulna bolol tajbin jew użati-** Naċċettaw kull tip ta' bolol. Tarmuhomx imma faddluhom u ibagħtuhomlna. **JEW EJJEW IXTRU BOLOL UŻATI**. Kilò bolol użati aħna nbigħuh b'€10. Attenti meta taqtgħu bl-imqass il-bolla minn mal-envelope. Jekk tmissu l-bolla u taqtgħu s-snien tagħha (it-truf tagħha) il-bolla titlef il-valur tagħha. Ħallu dan ix-xogħol għalina.

**3.** **Napprezzaw li tibagħtulna rċevuti** tal-VAT sabiex nidħlu biċ-ċans tal-lotterija u f'każ ta' rebħ kollox imur għall-missjoni. Importanti li l-irċevuti jkunu għandna mhux aktar tard mit-8 tax-xahar rispettiv. Filwaqt li ngħidulkom grazzi nħeġġukom sabiex tkomplu tibagħtu dawn l-irċevuti u b'hekk tkunu qed tgħinu l-missjoni tagħna fil-Kenja.

**4.** **Bazaar b'risq il-missjoni**
Minħabba l-kriżi li ħolqot l-imxija tal-COVID-19, għal dawn l-aħħar sentejn il-bazaar li konna norganizzaw kull sena qrib il-Milied ma sarx. Lanqas din is-sena ma sar. Imma minflok dan qed ikollna bħal mini bazaar miftuħ kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8.30 ta' filgħodu u nofsinhar. Dan il-bazaar qed ikun fid-daħla tal-Uffiċċju tal-Missjoni biswit il-kunvent tal-Kapuċċini, il-Furjana. Ilkoll intom mistiedna sabiex tiġu, taraw u tixtru. B'hekk tkunu qed tgħinu lill-missjoni tagħna fil-Kenja.

**5.** **Qegħdin noħorġu ħafna flus fi spejjeż tal-posta** sabiex inqassmu r-rivista *DAWL FRANĠISKAN* minħabba nuqqas ta' distributuri f'ċerti bliet u rħula. **OFFRI B'MOD VOLONTARJU S-SERVIZZ TIEGĦEK BIEX TQASSAM IR-RIVISTA FIL-BELT JEW RAĦAL TIEGĦEK.** Għandna bżonn: Bormla, parti minn Birkirkara, Tas-Sliema, l-Imsida.

**6.** **Għajnuna fl-edukazzjoni tat-tfal**
B'€10 fix-xahar jew €120 fis-sena tkun qed tgħin tifel jew tifla biex jingħataw edukazzjoni – uniformi tal-iskola u l-ikel fl-iskola. Tingħata l-isem u r-ritratt tat-tifel jew tifla li inti bi mħabba tadotta sabiex tagħtiha l-edukazzjoni b'xejn.

**7.** **Intenzjonijiet għall-quddies**
Meta tagħtu flus biex isir quddies għall-missjoni tkunu qed tagħmlu opra ta' karità doppja. Tgħinu lill-missjunarji u lill-erwieħ mejtin.

**8.** **Meta tiġi biex tagħmel it-testment,** wara li taħseb f'ruħek u fil-familjari tiegħek fittex li tkun ġeneruż/a **BILLI TĦALLI XI ĦAĠA B'RISQ IL-MISSJONI.**

Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:
Fr Philip Cutajar OFMCap
Segretarju tal-Missjoni,
Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, il-Furjana
Telefown: 2123 3874 / 2123 4949 / 2122 5525
Imejl: dawlfrangiskan@gmail.com

BOV KONT PROĠETT HOLA – IL-KENJA: MT04VALL220130000000 40019994646
BOV KONT DAWL FRANĠISKAN – MT02VALL220130000000 40023435175
BOV KONT SEGRETARJAT MISSJONI KAPUĊĊINI: MT22VALL220130000000 40019998299
*Nota importanti: Huwa ferm meħtieġ li lill-bank tagħtih ismek u kunjomok bl-indirizz tiegħek.*